**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**
**SEDE KOSTITUZZJONALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta 30 ta' April, 2024**

**Kawża Numru: 7**

**Rikors Guramentat Numru:- 66/2023 JVC**

**Andrew Mangion, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 240176M**

**vs**

1) **Kummissarju tal-Pulizija**
2) **L-Avukat Generali**
3) **L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kostituzzjonali, kif emendat, illi permezz tieghu r-rikorrenti Andrew Mangion talab kif isegwi:

1. 'Illi prezentement l-akkuzat ghaddej proceduri quddiem il-Qorti Kriminali (Onorevoli Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera) fejn jinstab akkuzat b'diversi reati senjatament, l-omicidju volontarju ta' Eleonor Mangion, it-tnehhija tat-tracci ta' reat, il-habi tal-katavru ta' Eleonor Mangion, u pussess tal-pjanta kannabis.

2. Illi fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu tat-30 ta' Marzu 2021, l-akkuzat eccepixxa illi l-istqarrija tieghu esebita bhala DOK KA18, it-traskrizzjoni tal-istess esebita bhala Dok BV1 a folio 2013, u kwalsiasi referenza ghall-istess huma inammissibbli bhala prova u dan stante li fil-kors ta' dan l-interrogatorju l-eccipjent ma kellux assistenza legali. Eccepixxa wkoll li ritratti esebiti mill-espert Matthew Paris fid-Dok CC2 (folio 1190 et seq) ser ikollhom effett negattiv fuq il-gurati u ser joholqu pregudizzju kontra l-akkuzat. It-tielet eccezzjoni kienet fis-sens li l-ewwel Kap tal-att ta' akkuza huwa null stante li fih assunzjonijiet ("Fil-fatt huwa rraguna li la Eleanor ma kinitx aktar is-siehba tieghu allura ma kellha tkun ta' hadd aktar") li ma johorgux mill-atti tal-istruttorja, filwaqt li r-raba' u l-ahhar eccezzjoni kienet fis-sens li l-element ta' "pre-trial publicity" f'dan il-kaz jippregudikalu d-drittijiet tieghu ghall-smiegh xieraq.

3. Illi gara li permezz ta' digriet tad-29 ta' Lulju 2021, l-Onorabbli Qorti Kriminali ghogobha tilqa' l-ewwel eccezzjoniji u ordnat l-isfilz ta' tali stqarrija. Illi l-Avukat Generali appella minn dik id-decizjoni permezz ta' rikors quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u nsista li dak li l-istatement ghandu jibqa' in atti. Izda dik l-Onorabbli Qorti cahdet dak l-appell.

4. Illi gara li minkejja dan kollu, l-akkuzat irid li tali stqarrija terga tidhol fil-process tant illi fis-seduta tat-Tlieta, 13 ta' Settembru 2022, l-akkuzat permezz tal-Avukat tieghu talab ili nonostante s-sentenza moghtija mill-onorabbli Qorti Kriminali fid-29 ta' Lulju 2021, l-istqarrija rilaxxata mill-akkuzat ghandha tibqa' inserita fl-atti.

5. Illi mhux biss, izda permezz ta' rikors intavolat fis-7 ta' Novembru 2022, l-akkuzat permezz tal-avukat tieghu u talab mill-gdid lil dina l-Onorabbli Qorti tordna dan l-istatement jerga jidhol fl-atti processwali.

6. Illi fir-risposta tieghu, l-Avukat Generali irrisponda illi filwaqt li hu ghandu riservi kemm tali talba tista' tintlaqa peress li din il-kwistjoni diga saret *res judicata* permezz ta' sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, hu m'ghandux oggezzjoni ghal din it-talba fil-mertu taghha. Permezz ta' digriet tal-11 ta' Novembru 2022, l-Onorabbli Qorti Kriminali ddecidiet li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba stante li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri ma jistax jigi sfilzat u lanqas ma jista jkun hemm rinunzja ghall-eccezzjoni stante li gja giet trattata u deciza.

7. Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi hu jhossu aggravat minn din id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-11 ta' Novembru 2022 (hawn allegat bhala **Dok 'A'**) dwar ir-rikors tieghu tas-7 ta' Novembru 2022 u dan ghaliex din id-decizjoni tilledilu d-drittijiet fundamentali tieghu sanciti permezz tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

8. Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi bhala akkuzat hu jiddetjeni dritt fundamentali li jiddefendi ruhu mill-akkuzi migjuba kontrih. It-thaddim ta' dan id-dritt jinnecessita il-liberta tal-akkuzat li jfassal il-linja difenzjonali tieghu u li jadatta l-istess matul il-procedura kriminali kollha.

9. Illi hawn l-esponenti jisottometti bir-rispett illi hu adatta il-linja difensjonali tieghu mhux b'kapricc jew b'arbitrarjeta' , izda wara li ssostitwixxa l-Avukat li kien qieghed jassistih, ma' l-Avukat gdid.

10. Illi d-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali tal-11 ta' Novembru 2022 jaqbad principju li originarjament kien intiz biex jipprotegi lil persuna akkuzat, cioe dak li stqarrijiet moghtija fl-assenza ta' Avukat jew Prokuratur Legali, u japplika ghalih interpretazzjoni tant wiesa', dommatika, nflessibbli u mhux ragjonevoli li b'hekk qieghed jintrifes id-dritt fundamentali tal-akkuzat ghad-difiza tieghu. U dan ghaliex qieghed jigi prekluz milli jipprezenta prova, cioe l-istqarrija tieghu stess, li fil-fehma tieghu issostni il-linja difenzjonali tieghu.

11. Illi l-esponenti jifhem illi hu pacifiku li l-ligi procedurali hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u ghaldaqstant ma hemmx deroga minnha, lanqas bil qbil bejn il-partijiet. Izda l-esponenti jissottometti bir-rispett illi meta din il-ligi procedurali tigi applikata b'mod li jikkontradixxi dritt fundamentali tal-bniedem, ghandha tipprevali din it-tieni u mhux tal-ewwel. Dan ukoll ghaliex id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'differenza mill-ligijiet procedurali, jemanu- kemm mid-dritt pubbliku internazzjonali u kif ukoll mill-Kostituzzjoni ta' Malta.

12. Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi spiss jigri li proceduri u prassi jinbidlu ghax jinstab li ma jikkonformawx mad-drittijiet

fundamentali tal-bniedem. Ir-rekwizit, introdott biss ricentement, li suspettat jigi assistit minn professjonist legali mill-iktar stadji bikrija tal-investigazzjoni ' il-quddiem, inkluz anke waqt l-interrogazzjoni, hija ezempju car ta' dan. Ma hemmx dubju li dan hu zvilupp li sahhah id-dritt ta' smiegh xieraq lil persuna akkuzata. Izda mhux xieraq li dan l-izvilupp jigi applikat bl-ghama, minghajr tehid kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u b'mod tant dommatiku u inflessibli li jmur kontra r-rieda espressa kemm tal-akkuzat, li suppost tali ligi qieghda tipprotegi, u sahansitra anke kontra r-rieda tal-Avukat Generali.

13. Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi in kwantu li d-decizjoni tal-Qorti Kriminali qieghda ssarraf fil-konsegwenza li l-akkuzat qed jigi mcahhad milli jipprezenta prova ghad-difiza tieghu bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, partikolarment is-subinciz (c) u (d) tieghu, dina qatt ma tista tkun guridikament korretta, u ghalhekk qieghda ssir din il-kawza.

14. Illi dan li originarjament intiz biex jipprotegi persuna suspettata, illum qieghed jintuza biex ixekkel lil istess akkuzat fid-difiza tieghu. L-interpretazzjoni ghamja ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz da' parte tal-Qorti Kriminali mhux biss hi wisq estrema, dommatika u sproporzjonata, izda lanqas ma tirrispetta il-principju ewlieni tar-ragjonevolezza u dan ghaliex bl-ebda mod ma jista jitqies ragjonevoli li Qorti tinsisti fuq l-isfilz ta' prova li kemm il-prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiza jaqblu li ghandha tkun prezenti in atti.

15. Illi lanqas ma tissodisfa il-principju tal-proporzjonalita u tal-bilanc xieraq bejn l-interess pubbliku u dak privat tal-akkuzat u dan peress li kwalunkwe pregudizzju li jista talvolta jsofri il-pubbliku

bl-introduzzjoni ta' prova precedentement meqjusa nammissibbli fi proceduri kriminali, huwa ferm, huwa ferm ckejken meta kkumparat mal-pregudizzju wiesa' li certament ser isofri akkuzat jekk dan jibqa' jigi mcahhad milli jipproduci provi in sostenn tad-difiza tieghu.

16. Illi l-esponenti jhossu aggravat ukoll mill-fatt ta' smiegh xieraq tieghu sancit permezz tal-Artikolu 6 (3) partikolarment is-subinciz (c) u (d) tal-istess, tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni qieghed jigi miksur ukoll ghaliex provi li juru l-innocenza tieghu u l-probabilita' ta' involviment ta' haddiehor minflok, senjatament *printouts* ta' *posts* minn account tal-*Facebook* ta' individwu partikolari (hawn allegati bhala **Dok 'B'**) la gew elevati, u ppreservati u lanqas ma gew investigati u pprezentati fil-process b'mod xieraq. U dana minkejja li dawn inghataw lill-Pulizija. Lanqas ma gew elevati, ppreservati u pprezentati fil-process b'mod xieraq il-*videos* registrati fis-sistemi tas-CCTV kollha li hemm fiz-zona. Dwar dan, l-esponenti jissottottometti bir-rispett illi hu diga indika lill-ufficcjali investigattivi numru ta' CCTV cameras fl-area, il filmati ta' liema ghandhom jikkonfermaw il-verzjoni tieghu. Izda dawn gew skartati kompletament u l-filmat minnhom baqa' qatt ma gie elevat jew ppreservat u dan ghal ebda raguni.

17. Illi jidher car li l-ufficjali nvestigattivi fi hdan il-Korp tal-Pulizija u l-iStat Malti, rapprezentat mill-Avukat Generali, naqsu milli jaqdu dmirijiethom b'oggettivita u b'imparzjalita' u minflok gabru l-provi kollha, kemm kontra u kif ukoll favur l-akkuzat hekk kif jirrikjedi l-Artikolu 346(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u waslu ghall-verita', qabdu ma' l-iktar verzjoni konvenjenti, dik li tmur mal-kurrent tal-opinjoni pubblika fuq it-tema tal-vjolenza kontra n-nisa u l-Femicidju u dik li ssegwi *"the path of least*

*resistance",* (u cioe dik kontra l-esponenti) u gabru biss dawk il-provi li jsahhu din in-narrattiva u warrbu dawk il-provi l-ohra kuntrarji. U huwa dan , li l-iStat Malti rrapprezentat mill-Avukat Generali, behsiebu jipprezenta lill-gurati. L-esponenti jissottometti bir-rispett illi fl-interess tas-smiegh xieraq tieghu, u fl-interess tal-gustizzja fis-socjeta' in generali, dawn il-provi u filmati u provi kollha li jikkonfermaw l-innocenza tal-akkuzat m'ghandhomx jigu mohbija mill-eventwali gurati u ghalhekk ukoll li qieghda ssir din il-kawza.

18. Illi minhabba l-fatt li l-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja ma rnexxiliex tigbor u tippreserva l-provi kollha partikolarment dawk favur akkuzat in konnessjoni mal-allegat reat, ghaldaqstant, l-atti processwali li l-quddiem ser jitqieghedu quddiem il-gurati huma inkompluti u vvizzjati b'parzjalita', b'hekk illi mhux ser jippremettu lil dawn jaqdu dmirijithom bhala mhallfin tal-fatt b'oggettivita' u mparzjalita'.

19. <u>Illi l-esponenti jhossu aggravat ukoll mill-fatt</u> illi filwaqt li l-iStat Malti, rapprezentat mill-Avukat Generali, qieghed jaghmel minn kollox biex iressqu quddiem Guri, l-istess Stat ma ghamel xejn biex jippreserva l-imparzjalita' u oggettivita tal-membri tal-gurija li ghada pitghada jaf ikunu imsejha biex ikunu parti mill-istess guri u jiggudikaw lill-esponenti. Bin-nuqqas ta' agir tieghu, l-iStat Malti ppermetta kampanja qalila fil-mezzi tax-xandir, partikolarment dak tal-istampa, (hawn allegata bhala **Dok 'C')** fejn mhux biss giet imwarrba il-prezunzjoni tal-innocenza tal-esponenti izda fejn dan gie imperrec mal-erbat' irjieh bhala l-hati u dana minkejja li hu, sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni u matul it-tul kollu taghha, ipprotesta l-innocenza tieghu.

20. Illi l-esponenti jaghraf illi f'Malta hawn il-liberta tal-espressjoni. Madankollu, din il-liberta mhijiex wahda assoluta izda relattiva. L-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jiddisponi hekk:

ARTIKOLU 10
*Il-liberta ta' espressjoni*

1. *Kulhadd ghandu d-dritt ghal-liberta' ta' espressjoni. Dan id-dritt jinkludi l-liberta li jkollu opinjonijiet u li jircievi u jaghti informazzjoni u ideat minghajr indhil mill-awtorita' pubblika u minghajr ma jittiehed kont ta' fruntieri. Dan l-Artikolu ma ghandux jimpedixxi Stati milli jehtiegu licenzi ghax-xandir, televizjoni jew imprizi cinematografici.*

2. *L-ezercizzju ta' dawn il-libertajiet, billi jgib mieghu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suggett ghal dawk il-formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritti b'ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta' demokratika, fl-interessi tas-sigurta' nazzjonali, integrita' territorjali jew sigurta' pubblika, biex jigi evitat id-dizordni jew l-ghemil ta' delitti ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, ghall-protezzjoni tar-reputazzjoni jew drittijiet ta' haddiehor, biex jigi evitat il-kxif ta' informazzjoni ricevuta b'sigriet, jew biex tigi mizmuma l-awtorita' u l-imparzjalita' tal-gudikatura.(emfazi mizjuda)*

21. Illi fl-istess vena, l-Artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

*41. (1) Hlief bil-kunsens tieghu stess jew bhala dixxiplina tal-genituri, hadd ma ghandu jigi mfixkel fit-tgawdija tal-liberta' tieghu ta' espressjoni , maghduda liberta' li jkollu fehmiet minghajr indhil, liberta' li jircievi idejiet u taghrif minghajr indhil, (kemm jekk il-komunikazzjoni tkun lill-pubbliku in generali jew lil xi persuna jew klassi ta' persuni) u liberta' minn indhil dwar il-korrispondenza tieghu.*

*(2) Ebda haga li hemm fi jew maghmula skont l-awtorita' ta' xi ligi ma ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu safejn dik il-ligi taghmel provvediment-*

*(a) Li jkun mehtieg ragonevolment-*

*(i) fl-interess tad-difiza, sigurta' pubblika, ordi pubblika, moralita' jew dicenza pubblika, jew sahha pubblika; jew*

*(ii) Sabiex jigu protetti r-reputazzjonijiet, drittijiet u libertajiet ta' persuni ohra, jew il-hajja privata ta' persuni li jkollhom x'jaqsmu ma' proceduri legali, jigi evitat il-kxif ta' taghrif ricevut sigriet, tigi mizmuma l-awtorita' u l-indipendenza tal-qrati, jigu protetti l-privileggi tal-Parlament , jew jigu regolati t-telefonu, it-telgrafu, il-posta, ix-xandir bil-wireless, it-televizjoni jew mezzi ohra ta' komunikazzjoni, esibizzjonijiet pubblici jew divertimenti pubblici; jew*

*(b) li jimponi restrizzjonijet fuq ufficjali pubblici, u hlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-kaz, il-haga maghmula skont l-awtorita' tieghu tigi murija li ma tkunx ragonevolment gustifikabbli f'socjeta' demokratika.*

*(3) Kull min ikun residenti f'Malta jista' johrog jew jistampa gazzetta jew gurnal pubblikat kull jum jew perjodikament:*

*Izda jista' jsir provvediment b'ligi-*

*a) li jipprojbixxi jew jillimita l-hrug jew stampar ta' xi gazzetta jew gurnal bhal dak minn persuni taht il-wiehed u ghoxrin sena ta' eta'; u*

*b) li jehtieg kull persuna li tkun l-editur jew stampatur ta' xi gazzetta jew gurnal bhal dak li tinforma l-awtorita' preskritta b'hekk u dwar l-eta'*

*taghha u li zzomm lill-awtorita' preskritta informata dwar il-post tar-residenza taghha.*

*(4) Meta l-pulizija taqbad xi edizzjoni ta' gazzetta bhala li tkun il-mezz li bih reat kriminali jkun gie maghmul il-pulizija ghandha fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mill-qbid iggib il-qbid ghal-konjizzjoni tal-qorti kompetenti u jekk il-qorti ma tkunx sodisfatta li jkun hemm prova prima facie ta' dak ir-reat, dik l-edizzjoni ghandha tigi moghtija lura lill-persuna li minn ghandhda tkun giet maqbuda.*

*(5) Hadd ma jkun ipprivat mic-cittadinanza tieghu skont xi disposizzjonijiet maghmula taht l-artikolu 30(1) (b) ta' din il-Kostituzzjoni jew mill-kapacita' guridika tieghu minhabba biss l-opinjoni politika tieghu.*
(emfazi mizjuda)

22. Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Bedat v Switzerland** tas-26 ta' Marzu 2016, iccitata fil-Linji Gwida tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijeit tal-Bniedem (Kriminali) ghallmet hekk :

51. *In particular, it is inconceivable that there should be no prior or contemporaneous discussion of the subject matter of trials, be it in specialised journals, in the general press or amongst the public at large. Not only do the media have the task of imparting such information and ideas; the public also has a right to receive them. However, consideration must be given to everyone's right to a fair hearing as secured under Article 6 § 1 of the Convention, which, in criminal matters, includes the right to an impartial tribunal (see Tourancheau and July, cited above § 66) and the right to the presumption of innocence (ibid., § 68). As the Court has already emphasised on several occassions (ibid., § 66; see also Worm v. Austria, 29 August 1997, § 50, Reports 1997-V; Campos Damaso, cited above, § 31; Pinto Coelho v. Portugal, no. 28439/08, §33,*

*28 June 2011; and Ageyevy v. Russia, no. 7075/10, §§ 224-25, 18 April 2013):*

*"This must be bourne in mind by journalists when commenting on pending criminal proceedings since the limits- of permissible comment may not extend to statements which are likely to prejudice, whether intentionally or not, the chances of a person receiving a fair trial or to undermine the confidence of the public in the role of the courts in the administration of criminal justice."*

(emfazi mizjuda)

23. Illi fis-sentenza **Du Roy and Malauri v France** tat-3 ta' Ottubru 2000, iccitata fil-Linji Gwida tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti Ewropea ghallmet hekk:

34. *Journalists reporting on criminal proceedings currently taking place must, admittedly, ensure that they do not overstep the bounds imposed in the interests of the proper administration of justice and that they respecct the accused's right to be presumed innocent (see the Worm judgment cited above, p. 1552, § 50).* (emfazi mizjuda).

24. Illi l-esponenti jillamenta li minkejja dan kollu, l-istampa Maltija xorta wahda ghgobha tirraporta dwar l-allegat involviment tal-akkuzat fil-qtil, prezentat dan l-involviment bhala fatta u dana qabel ma l-akkuzat kellu cans ta' smiegh xieraq, u f'waqt li kien qieghed isehh dan kollu, l-iStat Malti ma ghamel xejn, ebda kundizzjoni jew restrizzjoni ta' ebda xorta jew ohra, biex jassigura li l-istampa tirrispetta l-limiti u sabiex jipprotegi d-dritt tal-akkuzat li jigi prezunt bhala nnocenti. U minhabba f'hekk dana spicca mperrec mal-erba' t'irjieh bhala l-persuna hatja ta' qtil ta'

persuna ohra . Semplici tfittxija fuq Google News bil-keywords "Andrew Mangion", (Ada **Dok 'D'** hawn allegat.)tikkonferma kemm dan huwa minnu.

25. Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi f'socjeta fejn il-process penali gie elevat ghal xjenza vera u propja, dan it-tip ta' kkontaminar tal-opinjoni pubblika, u eventwalment tal-gudikanti, b'kontenut parzjali u li mhux appoggjat mill-provi m'ghandux jithalla jsir. L-esponenti jsaqsi, kieku, dawk ir-rapport fuq il-media minflok intbghatu lil gurati direttament permezz ta' ittri matul il-guri, kien ikun permissibbli dan? Daqstant iehor m'ghandux ikun permissibli dan it-tip ta' kontenut ippubblikat bla ebda kundizzjoni jew restrizzjoni ta' ebda xorta.

26. Illi l-procedura penali, bhall kull ezercizzju xjentifiku iehor ghandu jsir b'kawtela- u sagrificcju kbir- u l-pubbliku u l-gurati ghandhom, bhall-strument xjentifiku sensittiv u li hu suxxettibli ghall-icken influwenza barranija, jigu protetti minn kull haga li tista taffettwa l-oggettivita u imparzjalita' taghhom. U dan anke a skapitu, proporzjonat u ragjonevoli, tal-liberta tal-espressjoni.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

i) Tiddikjara li d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-11 ta' Novembru jilledi dritt fundamentali tal-akkuzat sancit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

ii) Tiddikjara illi n-nuqqas tal-istat illi jrazzan il-pretrial publicity relatata ma' dan il-kaz jilledi d-dritt fundamentali tal-akkuzat

sancit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostizjoni ta' Malta u ta' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;

iii) Tiddikjara illi l-mod kif saret l-investigazzjoni u l-proceduri kriminali immexxija mill-istat jew mill-organi tieghu fir-rigward tar-rikorrenti jilledi d-dritt fundamentali tal- akkuzat sancit permezz tal-Artikolu 39 tal- kostizjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

iv) Taghti rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni, anke bl-urgenza u in via kawtelari u inkluz il-waqfien tal-proceduri kriminali kollha fil-konfront tal-esponenti, sabiex jigi assigurat illi dawn il-proceduri kriminali ma jkomplux jilledu d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat hekk kif sanciti permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.'

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ġew imħarrka inutilment f'dawn il-proċeduri peress li l-preżenza tal-Avukat tal-Istat għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa suffiċjenti. Tassew ladarba r-rikorrent qiegħed jilmenta minn allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, allura skont ġurisprudenza paċifika, l-uniku leġittimu kontradittur għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa l-Avukat tal-Istat. Konsegwentement, l-esponenti Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali **għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju**;

2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jemmnu li l-azzjoni tar-rikorrent hija għal kollox intempestiva. Safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq allegat ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq,

l-esponenti jemmnu li dan huwa għal kollox bikri peress li l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent għadhom ma ngħalqux. S'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent sejjer jiġi żvantaġġjat waqt is-smigħ kriminali tiegħu (ara s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **<u>Morgan Ehi Egbomon vs. Avukat Ġenerali</u>** maqtugħa fis-16 ta' Marzu 2011). Tassew f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li proċeduri kriminali jiġu diskussi u trattati *in vacuo.* Sfiq ma' dan, il-Qorti Kriminali għandha tingħata fiduċja li sejra twettaq xogħlha u taqta' l-kawża skont il-liġi u l-ħaqq. Ta' min jgħid ukoll li jekk ir-rikorrent jiġi misjub ħati u kkundannat mill-Qorti Kriminali, tali sentenza tista' tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Għalhekk, huwa aktar għaqli li l-proċess kriminali jitħalla miexi mingħajr xkiel għaliex jista' jkun li wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali (jekk ikun il-każ), ir-rikorrent ikun kuntent bl-eżitu tal-proċeduri kriminali;

Għalhekk fid-dawl ta' dan, l-esponenti qegħedin umilment jistiednu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali tagħha taħt l-*proviso* tal-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti;

4. Illi jibda billi jingħad li biex tinstab leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita' kollha tiegħu. Bħala regola, biex wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le,

wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali individwali imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kienux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara **<u>Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et</u>** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996);

5. Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif japplikaw l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (Ara Kost. 4.8.1999 fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech vs. Avukat Ġenerali*** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213)). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (Kost. 18.8.1998 fil-kawża fl-ismijiet **<u>Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et</u>** (Kollez. Vol: LXXXII.i.158, a fol. 225)). F'dan il-każ ċertament ma hemmx nuqqas ta' smigħ xieraq minħabba l-isfilz tal-istqarrija li r-rikorrent ta lill-Pulizija. Għandu jiġi mfakkar li din l-istqarrija ġiet sfilzata abbażi ta' eċċezzjoni tar-rikorrent stess, liema eċċezzjoni ġiet milqugħa mill-Qorti Kriminali u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali wara appell min-naħa tal-Avukat Ġenerali. Ir-rikorrent ma jistax jippretendi li l-Qorti Kriminali tinjora l-liġi proċedurali jew treġġa' l-arloġġ lura sabiex takkomoda lir-rikorrent għax fettillu jbiddel il-ħsieb tiegħu;Illi bir-rispett kollu, huwa spropożitu legali l-argument tar-rikorrent li bis-sentenza tal-Qorti Kriminali datat 29 ta' Lulju 2021, u liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġew leżi d-drittijiet tiegħu ai termini tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-**

**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.** Wara kollox kien ir-rikorrent stess li qajjem l-eċċezzjoni għall-isfilz tal-istqarrija tiegħu u saħansitra ġiet sfilzata fuq proprju talba tiegħu u dan sabiex jigi jigu garantiti d-drittijiet ta' smigh xieraq tar-rikorrenti. Għalhekk issa ma jistax jinqeda b'din il-proċedura speċjali biex din l-Onorrabli Qorti taġġixxi bħala qorti ta' reviżjoni għal deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Magħdud ma' dan, ir-rikorrent bħal donnu qiegħed jippretendi li permezz ta' din l-azzjoni jista' jikkanċella sentenza li issa għaddiet in ġudikat, ilibbess tali ripensament bhala allegata lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq u dan sempliċiment għaliex iddeċieda li jbiddel l-istrateġija tiegħu;

6. Illi r-rikorrent ma jistax jargumenta li ma kellux smigħ xieraq għas-sempliċi fatt li ma kisibx dak li xtaq. Ir-rikorrent *di fatti* ingħata li ried, imma wara li biddel il-ħsieb tiegħu ppretenda li l-Qrati għandhom jinjoraw għal kollox ir-regoli tal-proċedura biex hu jiġi akkomodat. Jekk dan jitqies ksur ta' smigħ xieraq kif jgħid ir-rikorrent mela kull min jiftaħ kawża u ma jieħux dak li jrid, jew agħar, sempliċiment ibiddel fehmtu, qiegħed jinkisirlu jedd fundamentali. Dan huwa argument li żgur m'għandux mis-sewwa u m'għandux jintlaqa'. Ir-raġunament tar-rikorrent huwa kompletament inaċċettabbli u tajjeb jiġi mfakkar l-insenjament ta' **Emmanuel sive Leli Camilleri vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Ottubru, 1999 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Diċembru, 2000 li biex ikun hemm ksur tad-dritt fundamentali, dan il-preġudizzju jrid ikun għad-dritt ta' smigħ xieraq, u mhux għall-interess li għandu kull akkużat li jinħeles mill-akkużi. F'dak il-każ ġie osservat li bil-fatt li xi xhieda li tinġieb kontra min hu akkużat biex turi l-ħtija tiegħu tista' tkun ta' preġudizzju għall-interess tiegħu, ma jfissirx li, għalhekk biss, ser ikun imċaħħad minn smigħ xieraq. Bl-istess raġunament, il-fatt li l-istqarrija tar-

rikorrent ma tistax tintuża ma jfissirx li mhux ser ikollu smigħ xieraq.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** dwar il-jedd ta' smigħ xieraq, l-intimati jistqarru li dan l-ilment mhuwiex imfisser mir-rikorrent fir-rikors kostituzzjonali. Tabilħaqq ir-rikorrent ma jippreċiżax b'liema mod huwa allegatament ġie imċaħħad minn smigħ xieraq skont il-ħaqq. Għalhekk inkwantu dan l-ilment huwa redatt fl-astratt, din l-Onorabbli Qorti hija umilment mistiedna li tiskartah u ma tiħux konjizzjoni tiegħu;

8. Illi fir-rigward tal-paragrafi sittax (16) u sbatax (17), ir-rikorrent jilmenta wkoll li, allegatament, il-Pulizija Eżekuttiva naqsu milli jtellgħu fil-kumpilazzjoni xi provi li, skont hu, jistgħu jassistu fid-difiża tiegħu. L-ewwelnett jiġi mfakkar li l-oneru tal-prova taqa' fuq ir-rikorrent li jipprova dak li jallega u din l-allegazzjoni tar-rikorrent hi kkontestata. Apparti minn hekk, tajjeb jiġi mfakkar li persuna mixlija quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja tista' wkoll titlob il-produzzjoni ta' provi li jistgħu jkunu utili għad-difiża tagħha waqt il-kumpilazzjoni kif ukoll jibqa' dejjem impreġudikat id-dritt tal-akkużat li jtella' provi in sostenn tad-difiża tiegħu waqt il-ġuri nnifsu. Fi kwalunkwe, l-esponenti kollha kategorikament jiċħdu l-allegazzjoni gratuwita li l-Avukat Ġenerali u l-Pulizija Eżekuttiva abdikaw minn dmirijiethom u ġabu biss provi li jaqblilhom biex jimxu mal-kurrent tal-opinjoni pubblika fuq vjolenza kontra n-nisa;

9. Illi fir-rigward ta' paragrafi dsatax (19) *et seq*, safejn l-azzjoni tar-rikorrent hija mibnija fuq artikolu **10 tal-Konvenzjoni** u fejn jargumenta li l-Istat Malti messu b'xi mod jew ieħor indaħal fir-rappurtaġġ tal-każ tar-rikorrent peress li, skond hu, dan ir-rappurtaġġ kien ta' preġudizzju għalih, l-esponenti jemmnu li

apparti dak propost mir-rikorrent huwa inkonċepibbli u jidher biċ-ċar li l-istess rikorrent ma fehemx l-interpretazzjoni tal-**Artikolu 10 tal-Konvenzjoni** u **artikolu 41 tal-Kostituzzjoni**. Billi l-media tippublika artikli ma jwaqqax b'daqshekk il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Wara kollox il-ħarsien tal-preżunzjoni tal-innoċenza torbot lil min huwa msejjaħ biex jiġġudika lill-persuna mixlija u mhux lil media kif bħal donnu qed ippinġiha r-rikorrent;

10. Illi subordinatament u mingħajr ħsara għall-premess, u anki b'referenza għall-paragrafu sittax (16) tar-rikors promotur, safejn l-azzjoni tar-rikorrent hija mibnija fuq l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** jissokta jingħad li dan l-artikolu jorbot biss lill-Qrati u lit-tribunali ġudizzjarji. Ladarba l-Pulizija Eżekuttiva u l-Avukat Ġenerali ma jaqgħux fit-tifsira ta' 'qorti' allura għandu jsegwi li r-rikorrent ma jistax jattakka d-diskrezzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva u l-Avukat Ġenerali fuq il-bażi tas-smigħ xieraq;

11. Illi l-esponent itemm din it-tweġiba billi jgħid li ladarba r-rikorrent ma ġarrab l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu allura huwa m'għandu jirċievi l-ebda rimedju u t-talbiet għandhom jiġu miċħuda. Imma anke li kieku stess, fiż-żgur huwa ma jistax jippretendi li jiġu mwaqqfa l-proċeduri kriminali kontra tiegħu;

12. Illi, in vista tas-suespost, fl-umli fehma tal-esponenti, dawn il-proċeduri huma fiergħa u vessatorji u għalhekk għandhom jiġu dikjarati bħala tali;

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li minn issa huma ngunti in subizzjoni.'

Rat illi fil-verbal tat-3 ta' Ottubru, 2023 gie dikjarat kif isegwi:

'Dr Martin Farrugia f'dan l-istadju jitlob emenda fit-talbiet fir-rikors promotorju billi jizdiedu zewg talbiet wara l-ewwel talba li jaqraw kif isegwi:

"tiddikjara illi n-nuqqas tal-istat illi jrazzan il-pre trial publicity relatata ma' dan il-kaz jilledi d-dritt fundamentali tal-akkuzat sancit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostizjoni tal-Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" u

"tiddikjara illi l-mod kif saret l-investigazzioni u l-proceduri kriminali immexxija mill-istat jew mill-organi tieghu fir-rigward tar-rikorrenti jilledi d-dritt fundamentali tal-akkuzat sancit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni tal-Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea"

"tiddikjara illi l-mod kif saret l-investigazzioni u l-proceduri kriminali immexxija mill-istat jew mill-organi tieghu fir-rigward tar-rikorrenti jilledi d-dritt fundamentali tal-akkuzat sancit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostizjoni tal-Malta u tal-Artikolu 6

tal-Konvenzjoni Ewropea" u warajhom tibqa it-tieni talba kif dedotta.

L-avukati tal-intimati jopponu ghat-talba tar-rikorrent u dan peress illi mill-qari tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li tali artikolu huwa intenzjonat biss biex jissewwew kull zball illi jista' ikun hemm fl-atti. It-talba tar-rikorrent sostanzjalment tibdel in-natura tal-kaz fis-sustanza peress illi qeghdin jintalbu dikjarazzionijiet gudizzjarji.

Il-Qorti stante li dawn huma proceduri Kostituzzionali sabiex tevita illi jkollhom jigu ntavolati rikorsi kostituzzjonali ohra sabiex ikopru dawn l-ilmenti qed tawtorizza z-zieda tat-talbiet kif esposti b'dana izda qed tati terminu ghar-risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz b'20 jum ghar-risposta.'

Rat li ma giet prezentata l-ebda risposta ulterjuri.

Rat illi fil-verbal datat 23 ta' Jannar, 2024 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern ir-rikorrent Andrew Mangion jilmenta li fil-proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu qed jigi lez id-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq

fit-termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea bir-ragunijiet li jaghti in succint huma dawn li jsegwu:

(i) Digriet li permezz tieghu il-Qorti Kriminali cahdet it-talba tar-rikorrent sabiex l-istqarrija moghtija minnu lill-Pulizija, li kienet giet dikjarat li ttiehdet bi ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kemm mill-Qorti Kriminali kif ukoll mill-Appell terga tidhol fl-atti bhala prova;
(ii) In-nuqqas tal-istat li jrazzan il-pre-trial publicity relatat mal-kaz tieghu b'dana li l-gurija ser tkun influwenzata meta l-kaz jasal ghall-guri;
(iii) Jallega nuqqasijiet fl-investigazzjonijiet u fil-proceduri kirminali fejn isostni li huwa talab li jittellghu certu provi u li jigu nvestigati persuni ohra li setghu wettqu l-qtil u dan ma sarx;

Fil-kuntest tat-talbiet ir-rikorrent jaghmel ukoll referenza ghall-artikolu 10 tal-Konvenzjoni dwar il-Liberta tal-espressjoni u l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar il-Protezzjoni tal-Liberta tal-espressjoni. Permezz tar-rikors odjern jitlob li din il-Qorti taghti rimedji sabiex jigi assigurat li l-proceduri kriminali ma jkomplux jilledu d-drittijiet fundamentali tal-akkuzat kif sanciti fl-artikoli 6 u 39 msemmija.

L-intimati jirrispondi preliminarjament li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali m'humiex il-legittimi kontraditturi. Ulterjorment isostnu li l-azzjoni tar-rikorrenti hija intempestiva stante li l-proceduri kriminali ghadhom m'humiex konkluzi w'allura din il-Qorti ma tistax tezamina l-kaz fit-totalita tieghu b'dana li jitolbu li din il-Qorti sabiex ma tezercitax is-setghat kostituzzjonali taghha f'dan l-istadju. Fil-mertu jsostnu li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u

ghandhom jigu michuda. Dwar l-istqarrija jsostnu li kien l-istess rikorrent li talab li din tigi sfilzata u issa qed jipretendi li jmur kontra decizjoni li hija *res judicata* u jipretendi li l-istqarrija terga' tiddahhal fl-atti u dan ghaliex semplicement bidel il-hsieb. Dwar l-allegati provi nieqsa jsostnu li jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova din l-allegazzjoni filwaqt li jichdu li l-Avukat Generali jew il-Pulizija Ezekuttiva abdikaw b'xi mod minn dmirijiethom u gabu biss provi li jaqblilhom biex jimxu mal-kurrent tal-opinjoni pubblika fuq vjolena kontra n-nisa. Dwar l-allegat nuqqas tal-Istat li jindahal fir-rappurtagg tal-media dwar il-kaz jsostni li r-rikorrent ma fehemx l-interpretazzjoni tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni. Izid li l-harsien tal-prezunzjoni tal-innocenza torbot lil min huwa msejjah biex jiggudika lill-persuna mixlija u mhux lil Media kif donnu qed jipretendi r-rikorrenti. Anki fir-rigward tas-smiegh xieraq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jorbot biss lill-Qrati u lit-Tribunal gudizzjarji b'dana li r-rikorrent ma jistax jattakka d-diskrezzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva u tal-Avukat Generali fuq il-bazi tas-smiegh xieraq. Ghalhekk la darba ma hemm l-ebda vjolazzjoni r-rikorrent m'ghandu jinghata l-ebda rimedju minn din il-Qorti.

**Provi:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni esebita mar-rikors promotorju a fol. 10 et seq. Rat, milli tista tifhem, 'screen shots; mill-'facebook' li jikkoncernaw lid-defunta mart ir-rikorrent u rat id-dati u l-kontenut tal-istess. Rat ukoll il-kumment a fol. 39 u l-artikli a fol. 41 et seq tal-process u ricerka b'isem ir-rikorrent fuq l-'interne't.

Rat l-**affidavit ta' Andrew Mangion a fol. 67 et seq tal-process**. Huwa jixhed li skont hu l-process kollu fil-qorti kriminali fil-konfront tieghu qed isir kollu bi ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq ghal ragunijiet li jelenkahom kif isegwi:

(i) Pregudizzju, ksur ta' drittijiet u nuqqas kbir ta' imparzjalita minn naha ta l-istituzzjonijiet li jinkludi il-pulizija, Avukat Generali, l-Qorti u l-Avukati.

Taht dan l-ilment isemmi li huwa ta stqarrija wara li rrifjuta hu stess li jkollu Avukat waqt l-interrogazzjoni. Li skont hu kien hemm persuna ohra li kienet tohrog mal-vittma u li din kienet biddlitu u kien qed itella fuq il-'facebook' kontra taghha izda l-pulizija ma ressqitux bhala suspettat anzi skont hu immanipulat ix-xhieda ta' din il-persuna u produciet xhieda falza. Jghid li l-vittma kienet tbiddel hafna irgiel allura seta kien hemm xi ragel imwegga'. Ikompli fl-affidavit tieghu jaghmel analizi tal-provi fil-proceduri kriminali izda din il-Qorti tqis li tali analizi tal-provi certament mihiex f'loka fil-proceduri kostituzzjonali odjerni u l-Qorti mhix ser tesprimi ruhha dwar l-istess.

Jixhed dwar kif skont hu l-istqarrija li huwa halla mal-pulizija giet sfilzata kontra l-volonta tieghu ghaliex ma talabx lill-Avukat tieghu Joe Giglio sabiex din titnehha u jsostni li l-avukat hadem kontra tieghu. Jghid li l-istqarrija hija prova tal-innocenza tieghu w'ghalhekk qatt ma seta jaqbel li tigi sfilzata.

Ir-rikorrent jidhol f'argument dwar il-validita' ta' prova indikata bhala basket tal-Lidl. Ghal darb'ohra din il-Qorti ssostni li mhux f'loku f'dawn il-proceduri li tidhol f'ezami tal-validita' o meno ta' din il-prova fil-proceduri kirminali, l-istess dwar l-argument tax-xhud jekk il-Magistrati kellhomx ragun jipprocedu sabiex huwa

jitpogga taht att ta' akkuza. L-istess inghad dwar l-analizi li r-rikrorent jaghmel dwar il-kap ta' akkuza fl-affidavit tieghu.

Izid li l-pulizija kienet selettiva fuq ix-xhieda li ressqet tul il-kumpilazzjoni ghaliex ghazlet li thalli zewg partners tal-vittma barra.

(ii) Pregudizzju minn naha tal-Media kemm stampata kif ukoll fuq stazzjonijiet telvisivi u online:

Jghid li huwa gie mxandar bhala l-qattiel iktar minn darba kif ukoll bhala agressur fi vjolenza domestika izda xhieda tal-pulizija stess qalu qatt ma kellhom rapporti dwar vjolenza domestika dwaru. Jghid li l-media pregudikatu mal-pajjiz kollu u dan ifisser li jekk ser jidher quddiem guri ser ikun qieghed jidher bhala l-hati quddiem il-gurati. Izid li bil-ligi l-media ma tistax tohloq pregudizzju meta ixxandar xi artiklu.

(iii) Pregudizzju minn naha tal-familjta tal-vittma:

Ir-rikorrent isostni dan ghaliex jghid li oht il-vittma xandritu bhala l-qattiel u familjari taghha ghajjruh qattiel fil-Qorti.

Izid li kien hemm kazijiet ohra fosthom meta gie mizmum tmienja u ghoxrin gurnata l-habs illegalment.

Il-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-affidavit tar-rikorrent a fol. 75 et seq liema dokumentazzjoni r-rikorrenti jannetti sabiex skond hu jissostanzja dak li jixhed fosthom xhieda ta' diversi persuni mehuda mill-proceduri kriminali nkluz ta' Richard Pace, u Martin Grech, partijiet mill-'facebook' ta' Martin

Grech fejn skont ir-rikorrent ssir referenza ghall-vittma u partijiet ohra jissemma r-rikorrent fil-kuntest tal-investigazzjoni.

Rat ukoll ix-xhieda tal-iSpettur Keith Arnaud wkoll fl-atti kriminali. F'din ix-xhieda l-Qorti rat li l-iSpettur Arnaud jidhol fid-dettal dwar x'cameras sabu u liema gew elevati u x'irrizulta mill-filmati elevati kemm dawk madwar il-mahzen fejn instab il-katavru kif ukoll dawk fis-Swieqi vicin ir-residenza tal-vittma. Rat ukoll li l-iSpettur xehed fit-tul dwar dak li kien qallu r-rikorrent dwar x'kien sehh li wassal ghall-mewt tal-vittma fejn ir-rikorrent sostna li kienu zewgt irgiel li dahlu fil-garaxx u qatlu lil martu filwaqt li lilu zammewh 'at gunshot'. Izid li r-rikorrent kompla jghidlu li wara beza' li kienu ser iwahhlu fih li qatel lil martu ghaliex kienu fi proceduri ta' separazzjoni u li kien ghalhekk li naddaf il-garaxx mid-demm u ddecieda li jahdem il-gisem tal-vittma. Hija din il-versjoni li tohrog fil-istqarrija tar-rikorrent.

Rat l-emails bejn ir-rikorrent u l-Avukat Giglio a fol. 185 et seq tal-process. Rat ukoll l-ittra li r-rikorrent bghat lill-Eccellenza tieghu il-President George Vella datata 28 ta' Novembru, 2021.

Rat ir-ritratti mehuda mill-esperti esebiti a fol. 290 et seq tal-process. Rat il-kopja tax-xhieda tal-iSpettur Saviour Baldacchino a fol. 213 et seq tal-process moghtija fi proceduri separati minn dawk tal-kaz ta' Eleonor Mangion Walker pero kontra l-istess Andrew Mangion. Rat il-kopja tax-xhieda ta' Matthew Mallia mill-atti kriminali a fol. 229 et seq tal-process u ta' Julian Grech a fol. 247 et seq. Rat il-'posts' mill-facebook tal-vittma, e-mails, messaggi u artikli esebiti.

Rat ir-rapport li sar mir-rikorrent mal-pulizija datat 19 ta' Settembru 2020 a fol. 301 et seq rigwardanti 'post' li sar fuq facebook minn oht il-vittma u li esebixx akwoll kopja tieghu.

Rat ix-xhieda annessa ta' Josephine Walker omm il-vittma moghtija fi proceduri fil-Qorti tal-familja datata 3 ta' Mejju, 2018.

Semghet **ix-xhieda ta' Andrew Mangion a fol. 330 et seq tal-process** f'liema xhieda fl-ewwel lok huwa kkonferma l-affidavit tieghu suespost li mieghu giet annessa d-dokumentazzjoni li saret referenza ghaliha aktar il-fuq. B'zieda ma dak li gia xehed fl-affidavit jghid li dwar is-CCTV's migbura skont hu zgur hemm xi filmati nieqsa minn dawk esebiti fl-atti kriminali. Jinsisti li hu qatt ma ried li l-istqarrija titnehha mill-atti tant li anki kiteb lill-President ta' Malta. Fuq domandi tal-Qorti jixhed kif isegwi:

'Qorti: Ismaghni wahda. X'hemm xi jzommok, lilek jew lill-Avukat il-gdid tieghek illi fil-proceduri kriminali titlob li jigu ezebiti dawn il-filmati f'dan l-istadju?

Xhud: Jien jistghu jaghmluhieli l-avukati imma l-problema hija li fil-verita jiena irrid provi konkreti biex tghaddi guri, irrid imgar prova wahda milli harget kontra tieghi. Ma tistax, ma tistax tghaddi guri minghajr provi fuq, ibbazata fuq pregudizzju, fuq hsibijiet. Il-guri jmur fuq provi.'

Jinsisti li l-pulizija kellhom jigbru l-filmati li juru n-nies dehlin fil-garaxx tieghu fejn skont hu wara attakkaw lill-vittma. Jghid li l-pulizija kienu selettivi u dawn ma esebewhomx.

Rat li **a fol. 428 A et seq tal-process ir-rikorrent Andrew Mangion rega' tela' jixhed** b'referenza ghall-affidavit tieghu u d-

dokumentazzjoni annessa mieghu. Jghid li l-pulizija ma riditx tinvestiga persuni ohra nonostante li l-vittma kienet qed tohrog ma' persuna ohra meta nqatlet. Huwa gibed l-attenzjoni dwar dan lill-ghola awtoritajiet tal-pajjiz u anki bghat ittra lill-President, lill-Prim Ministru u lill-Prim Imhallef. Jixhed:

'Mela jiena prezentajt dawn id-dokumenti kollha ghax hassejt li hemm bizzejjed provi mill-media, mill-Pulizija fejn kissruli d-drittijiet tieghi, inkluz l-Avukat Generali billi tohrog akkuza li ma hargitx mill-istadju tal-kumpilazzjoni. Jien kull ma rrid prova wahda li tikkoraborani mal-qtil. Issa, pruvajt nigbed l-attenzjoni lil kulhadd ghalhekk ghadni kemm li jekk fil-kumpilazzioni ma kienx hemm bizzejjed provi, jghidu ma kienx hemm bizzejjed provi jew hemm bizzejjed provi li din lanqas biss qatt qatt qatt saret verbalment. Issa, ghalkemm naf li, ma nafx issa x'issir, jiena jekk nghaddi guri u nohrog illiberat, jiena ghal poplu Malti xorta nibqa l-qattiel.'

Dwar il-media jkompli jghid:

'Issa fuq il-media. Ipprezentajt dokumenti u CDs fejn jghidu direttament 'Il-qattiel ta' Eleanor Mangion Walker, fejn l-imghallem ta' Andrew Mangion jitla jghid li kien lest li jsawwat lil mara', minghajr ma huma vera. Dawk diga ghamluli hsara mal-media kollha. Fil-verita, anka issa qed inbati. Hemm hafna nies hemm barra lanqas biss ikellmuni ghax jarawni bhala l-qattiel. U jekk nitla guri minghajr provi, kif tista titla guri pacenzja, minghajr provi nistaqsi? Dawn kollha ghalija ksur tad-drittijiet. Kieku jkun hemm prova wahda, li tikkorroborani mal-qtil dirett, nghid pacenzja, imma jien diga ghamluni hati.'

Izid li hu kull ma jrid li jghidu li ma hemmx bizzejjed provi u jsostni li hu qatt ma ried li l-istatement tieghu jitlaq mill-atti kriminali. Jixtieq ukoll li l-eccezzjonijiet fl-atti kriminali ma jibqghux kif inhuma ghax jekk hemm akkuza falza jghid li jrid iwaqqaghha. Jrid li jithallas jdahhal eccezzjonijiet ohra ghaliex ma jaqbilx mal-eccezzjonjiet li dahhallu l-Avukat li kellu precedentement.

Semghet u rat **ix-xhieda ta' Jonathan Cilia, Editur tal-Lovin Malta a fol. 355 tal-process.** Il-Qorti semghet xi proceduri jittiehdu qabel ma tohrog storja f'kazijiet kriminali kif isegwi:

'Dr Martin Farrugia: Taht il-kompetenza tieghek. Ok. Issa. Mela. Mela, fir-rigward tar-rappurtagg ta' investigazzjonijiet u proceduri kriminali, x'inhuma l-principji etici, li jigvernaw u jinfluwenzaw ir-rappurtagg taghkom?

Xhud: I mean, that there's a number of things that we have to consider right? So, case by case basis obviously, national interest, what facts do we have, do we have any witnesses ourselves, do we have any sources ourselves, is it second hand information, how reliable is the information, are we sure of it, have we confirmed it, have we double checked it, have we spoken to the people involed, have we spoken to their family, there's a number of concerns, especially if it comes to criminal cases.

Qorti: And if it's a person that is still accused, so there's the presumption of innocence, what do you do?

Xhud: So, we will obviously state that this person is being charged, you have to include what he or she is being charged with and you include as much information as you have really. So if someone is

being presumed innocence, which is ... everyone obviously before they have been found guilty, you have to layout all the information you have. So you include everything you have, names, dates, what the police would have told us. That's an important one as well. You know, we'll always speak to the police and everything. So we go by what the police are telling us. So yeah, you just, as much information as you can get basically. That we've verified as much as you can.Xhud: So, we will obviously state that this person is being charged, you have to include what he or she is being charged with and you include as much information as you have really. So if someone is being presumed innocence, which is ... everyone obviously before they have been found guilty, you have to layout all the information you have. So you include everything you have, names, dates, what the police would have told us. That's an important one aswell. You know, we'll always speak to the police and everything. So we go by what the police are telling us. So yeah, you just, as much information as you can get basically. That we've verified as much as you can.

Qorti: And do you report what the person is pleading?

. . .

Xhud: I imagine, yes, if we have it absolutely.'

Izid kif huma jaghmlu kuntatt mal-pulizija, mal-avukati, mal-esperti tal-Qorti biex jikkonfermaw ir-rapurtagg u li jimxu ma' linji gwida dwar ir-rapurtaggi taghhom kemm ghal dik li hija stil kif ukoll etika, dak li hu mistenni mill-kittieb. Izid li ghandu nies li xogholhom huwa li jaghmlu 'fact-checking'. Jsostni li jiehu wkoll bis-serjeta li jara li min qed jikteb storja ma jkollux konflitt ta' nteress. Ma jkollhomx indhil fir-rappurtagg taghhom mill-istat Malti, ewropej jew internazzjonli u jkun hemm kuntatt biss mal-'Institute of Journalists of Malta' u l-aktar mal-pulizija li huma

newtrali hafna.  Il-pulizija ghandhom ‘spokesperson’ tajjeb u ghandhom dipartiment shih li jistghu ikellmu.  Jinsiti li tintuza l-kelma ‘allegat qattiel’.   Jghid li qatt ma rcieva l-ebda rapport jew ilment minghand ir-rikorrent.

Semghet u rat ix-xhieda ta’ Kurt Sansone, Editur Ezekuttiv tal-Malta Today.  Dwar xi principji jsegwu meta jirrapurtaw mill-Qorti jixhed:

‘Xhud: Ahna prattikament meta jkollna cirkostanzi fejn qed nirraportaw jew, il-Qorti jew affarijiet li jirrigwardjaw pulizija, inti ghandek il-fatti illi johorgu mix-xhieda, mill-evidenza li tkun harget, jigifieri dawk kemm jista' jkun, qed insegwu dak li qed johrog b'mod fidil minn dak li jkun ghaddej fil-Qorti.

Dr Martin Farrugia:  Pero’, pero’ specifikatament fuq ir-rappurtagg ta’ investigazzionijiet u proceduri kriminali, hemm xi linji gwida? Best practices? Guide lines? Maltin, Ewropej jew Internazzionali jew xi ligijiet li jidhlu fit-tip ta' rappurtagg u fil-kontenut ta' rappurtagg?

Xhud: Le, m'ghandnix guidelines miktubin. Hija azzjoni ta', decizjoni ta' l-editur, f diskussioni mal-gurnalisti tieghu, u l-esperjenza li matul iz-zmien, inti tgharaf fejn, x'inhuma l-affarijiet li trid tevalwa meta qed tirraporta certi affarijiet.

Qorti:  U kif izzomm bilanc bejn ir-rappurtagg, u d-dritt ta’ l-akkuzat ta’ , ghal prezenzjoni ta’ l-innocenza?

Xhud: Ifhimni, once li ghandi ghandek affarijiet li qed johorgu fil-Qorti, hemmhekk inti ghandek evidenza u testimonjanza li qed

torog. Igifieri, f dak l-istadju, dejjem inti ghandek il-prezunzjoni ta' 1-innocenza. Pero'

Qorti: U imma min qed jaqra l-artiklu tieghek - . .

Qorti: Inti x'bilanc qed izzomm f'dak l-artiklu bejn il-fatti li qed johorgu u l-fatt illi sa dak il-mument, l-imputat jew l-akkuzat, huwa prezunt innocenti? Fl-artiklu partikolari. Mhux ... ta' hafna artikli.

Xhud: Ehe, ifhimni, f'dak l-artiklu partikolari, inti dejjem ged iggib il-kwistjoni ta' jekk il-persuna qed jichad l-akkuzi kontrih, u inti fir-rappurtagg, jekk inti ghandek kemm il-prosekuzzjoni li qed iggib certa fatti u d-difiza qed taghmel certa mistoqsijiet, jew tohrog certa fatti, inti tirraporta kemm jista' jkun dak kollu li qed jigri. Ovjament, kollu hija, ma jistax ikun kollox. Impossibli. M'ahniex transcribers kelma b'kelma dak li qed jigri fil-Qorti. Pero' inti, jekk inti l-avukat tad-difiza qed jaghmel certa mistoqsija, u tahseb li hija ta' certa piz u valur, inti tirraporta dik ukoll. At a point, dak huwa, qisu is-safe guard li inti ghandek li persuna ukoll huwa prezunt innocenti. Li qed taghti l-istampa taz-zewg nahat li ghaddeija fil-Qorti.'

Izid li m'hemmx kwistjoni ta' bilanc dwar in-numru ta' artikli fuq il-provi tal-prosekuzzjoni u tad-difiza. Hija prassi li jekk gurnalist ihoss li ghandu kunflitt ma jkomplix bl-istorja jew l-editur jigbed l-attenzjoni. Jghid li maa jkollhom ebda indhil mill-istat Malti, isstituzzjonijiet Ewropej jew Internazzjonali. Jghid li qatt ma rcieva l-ebda ilment minghand ir-rikorrent.

Semghet u rat **ix-xhieda ta' Herman Grech editur tat-Times of Malta (fol. 404) u ta' Alessando Mangion Kap tal-Kamra tal-**

**Ahbarijiet 'One News' (a fol. 396)** li tista' tghid jixhdu fuq l-istess linja tax-xhieda l-ohra edituri gia riportati aktar il-fuq.

Rat ix-**xhieda tas-Surpretendent Keith Arnaud f'dawn il-proceduri a fol. 375 et seq tal-process**. Jghid li fiz-zmien tad-delitt in kwistjoni huwa kien l-unika spettur fl-iskwadra tal-omicidji. Jaghti rendikont tal-esperjenza li kellu u ghandu f'xoghlu u l-metodologija uzata. Jixhed:

'Xhud: Heq spjegajtlek ifhimni. Nerga' nghid. Dan mhux xoghol ta' persuna wiehed wahdu. Biss biss il-homicide ikun hemm team qed jinvestiga, li semmejtlek. Illum qeghdin tim ikbar. Il-forensic ha jkollhom imbaghad l-expertise taghhom ukoll. Jekk jinhatar court expert bhal ma hi ...logist, biex tigbor DNA, ha jkollha l-expertise taghha. Jien min-naha tieghi, bhala investigatur, li jkolli l-background kollu tal-kaz f'mohhi, tajjeb? Kif semmejtlek. Rajt il-cameras, kellimt lin-nies, etc. Li forsi ... ma jkollux ghax hu ikun iffukat biss fuq il-gbir ta' DNA, li forsi crime scene investigator, forensic ma jkollux ghax ikun biss marbut mal-crime scene, ahna nilliasjaw maghhom, niddiskutu l-background kollu tal-kaz, u flimkien imbaghad, we try to identify any potential evidence. Issa f dak il-hin impossibli tghid x'inhu relevanti jew le. Anzi, importanti ma thalli xejn barra imbaghad ix-xoghol jiehdok, itik id-direzzioni lejn is-suspettat, anzi l-ewwel, l-evidenza tibda tfiehmek x'ikun gara, tajjeb? U tiehdok hi lejn is-suspettat. Igifieri f dak il-kaz, x'inhu relevanti jew le qas tidhol fiha dik l-equation zgur. . .

Xhud: Jekk ghandek kaz bhal dan, ibda biex, ghandek inkjesta magisterjali. Inkjesta magisterjali titmexxa mill-Magistrat. Il-Magistrat, jiena mhux ha mmur nghidlu ghandi bzonn serologist ok, u ttihulek. Il-Magistrat ma ... Il-Magistrat, one, ha jigi fuq il-

post, two ha jikkordina ma' l-investigatur u jifhem x'inhu ghaddej. Three, ha jisma x-xhieda ta' xhieda okkulari, direttament hu bhala Magistrat jew Magistrat inkwirenti tajjeb? U jkun qed jifhem il-kaz x'inhu. Igifieri, iktar minn checks and balances ta' magistrate inkwirenti, ma jistax ikollok. U ahna min-naha taghna, nikkoordinaw mal-magistrat, kull bzonn li jkun hemm iktar ulterjuri wara li tinfetah inkjesta. Gieli wara xahar, ghas-sahha ta' l-argument, jinhatar il-bzonn ta' espert iehor. Toxicologist for example. Ma nafx. ed nivvinta. Tajjeb? Per ezempju, jinhatar espert forsi ghad-DNA li fil-bidu ma kelnix bzonnu. Again, biex jinhatar, dak ha jsir rikors. Fir-rikors ahna ha naghtu spjegazzjoni ghalfejn hemm it-talba ta' dak 1-espert. Igifieri, qed nigbor kollox biex nirrispondik, ghandek il-Magistrat innifsu li qed jikkoordina hu flimkien mal-pulizija, il-kors ta' l-investigazzioni. . . .

Xhud: U jkun hu by the way li jkun qed jigbor l-evidenza ghax jekk hemm, ezempju, jekk hemm bzonn cameras, ha jahtar espert u l-espert, f’isem il-Magistrat inkwerenti, ha jmur fuq il-post u ha jigbor, qas il-Pulizija ma missha. Jekk ghandek forensic, dawk qeghdin jagixxu f’isem il-Magistrat inkwirenti. Lanqas f’isem il-korp tal-pulizija. Minkejja li jkun forensic. Jekk ghandek serologista, qed tipprova tigbor id-DNA, ha tiehul -instruction dirett m'ghand il-Magistrat mhux m'ghand l-investigatur. L-investigatur jista' .. background pero' id-decizjoni finali hija ta' l-espert innifsu li ha jigbor l-evidenza fuq l-instructions, fuq id-digriet li, in-nomina, li tkun inhatret fi-inkjesta. . . .

Xhud: Le, ghal espert partikolari, ghal bhala individwu ahna ma naghmluhix. Ahna nghidu hemm bzonn espert fuq biex jigbrilna jaghmel extractions ta' data, u l-Magistrat tappunta hi. Ghandna bzonn nigbru il-cameras, ma nghidulix ghandna bzonn erba' cameras. Ghandna, f’dan il-kaz, hemm bzonn ta' download ta'

cameras. Kemm, issa, ha jkun hemm l-espert, jigi hu fuq il-post, u ha jara maghna b'ghajnejh hu, u jaghmel id-download hu. Igifieri ... jekk ikun hemm erba', mhux ha jghidlu dawn it-tnejn biss ghax l-espert qed jara b'ghajnejh u ha jigborhom hu. . . . .

Xhud: Hemm differenza bejn prova, fl-opinjoni tieghi dejjem, u persuna. Mela. Prova jekk hi relevanti jew le, difficli tghid. Ir-regola hi, ippriserva u igbor. X'inhu relevanti, dak imbaghad wiehed jara, at a later stage, skont ma jirrizulta. Ha ntik ezempju. Gieli jkun hemm ticpis go crime, go scene, ikun ahmar. Mad-daqqa t'ghajn ikun jidher li zebgha ezempju. Pero' jiena mhux ha nghid li ma nigbrux, dak zebgha. Aqbzu. U zgur li le. Nigbru xorta, halli imbaghad jirrizulta li huwa zebgha. U hemmhekk issir irrelevanti. Gieli jkollok go dar, ikollok taqlib u ghid u iva mhux ovja ha nsib il-fingerprints tal-vittma. Ghax ghandi infittixhom? Tfittixhom xorta. Jekk jirrizultaw imbaghad, by elimination, wiehed jiddetermina jekk hux tal-vittma jew le. Igifieri, f'dak l-istadju daqshekk inizjali, ma tistax tghid x'inhu relevanti jew le. Tant hu hekk li gieli jkollok crime scene iddum priservata jiem u gimghat, ezempju residenza. Sakemm naccertaw ruhna li l-evidenza kollha tkun ingabret. Ghax gieli, minghalik dortha kollha, tkompli kellem lil persuni, tkompli tindaga u tirrizulta illi forsi kien hemm bicca li ma gbartix. U terga' tmur u tigborha. Tajjeb? Igifieri, issa, person of interest hija xi haga kompletament differenti. Person of interest jigi kwalifikat person of interest sewwa? Jew suspettat, skont mal-provi jibdew jindikaw. Full stop. Ma tantx ghandek wisq fejn iddur maghha. Igifieri jien ma nistax nghidlek dak huwa suspettat hekk ghax hekk ghandi aptit naghmel. Irid ikolli xi haga li tibbackja, tissustanzja s-suspett tieghi. Fil-fatt, jekk ma tkunx hekk, lanqas biss inkun nista' ingib mandat. . . .'

Mistoqsi jekk f'dan il-kaz ittiehdux xi mizuri sabiex jigi assigurat li persuni nvoluti ma jkollhomx kunflitt ta' nteress jghid li ma jafx li hemm mizuri. Fil-prattika izda l-persuan tigbed l-attenzjoni tas-superjur u tiddikjara l-kunflitt u s-superjur jiddeciedi jhallihx fil-kaz jew le u dan isir bil-miktub. F'dan il-kaz ma kienx hemm ghaliex hu kien l-investigatur u ma kien jaf lill-ebda naha.

Dwar x'sar fir-rigward tal-gbir tal-filmati tal-cameras fil-kaz odjern jixhed kif isegwi:

'Bazikament huwa l-istess process li semmejt tiga ftit ilu. Mela. Infurmajna lil Magistrat Inkwerenti li kien hemm il-bzonn li jinhatar espert biex jaghmel download tal-footages ta' diversi lokalitajiet. Kemm Hal Qormi u kemm is-Swieqi. U l-Magistrat hatritilna, insejt min issa, min kien, espert biex jaghmel id-downloads. Bazikament, id-downloads li ghamilna kien fuq tlett ijiem straight. Qed nghid tiett ijiem ghaliex il-katavru instab, bl-amment, jidhirli third July, 2016. Meta kellimna lil omma, omm il-vittma kienet qaltilna li kienet ilha ma jarawha, la naf two days, jidhirli two days, m'iniex cert mill-granet. U allura we made it clear li nigbru il-filmati mill-ahhar, anzi insibu mill-ahhar li kienet hajja, tajjeb? U nibdew minn dak il-mument li kienet hajja, sakemm sar ir-rapport. . . . .

Mela fil-fatt, mela. Bdejna minn Hal Qormi. Hal Qormi ezatt, l-Industrial Estate, fejn instab il-katavru. Ghax il-katavru instab Hal Qormi. Hemmhekk gbarna filmati minn jumejn, minn meta kienet ghadha hajja, konna nafu 'certezza li kienet hajja ghax kellna l-ommha qed tispjegalna sa, mhux sakemm, sakemm jinqabad l-allegat imputat ipoggi, jidhol bil-vann gol-garaxx. Bqajna sakemm sar ir-rapport u waslu l-pulizija fuq il-post. U nfetah il-garaxx. Igifieri hemmhekk, we have, we secured. Xi 36 hours jew kemm

ta' footage, minn x'hin kienet hajja sakemm waslu l-pulizija u sabu 1-katavru. Halli jien inkun cert li we have captured l-activity kollha, ghax inzerta dan kellna camera ezatt iggib il-bieb tal-garaxx fejn instab il-katavru, biex inkunu certi min dahal fil-garaxx fejn pogga il-katavru. Qed nghid tpogga ghax il-crime scene indikatilna cara li fil-fatt irrizulta li ma nqatlitx hemmhekk. Fil-garaxx ta Hal Qormi. Minn hemmhekk morna, morna s-Swieqi. Is-Swieqi hija qabel triq

Uqijja hemm il-pjazza, il-lights ta' Saint Andrews. Fejn il-Luxol, iddur lejn is-Swieqi, ezatt hemmhekk, wara Greens, wara Greens. Hemmhekk hemm pjazzetta zghira. Tajjeb? Hemmhekk toqghod, kienet toqghod il-vittma. Issa, minn dik il-pjazzetta, titla' Triq Uqjjja, forsi geghdin nitkellmu circa sixty, seventy metres, u ssib il-garaxx, fejn ahna qeghdin nghidu li nqatlet il-vittma. Mela. Minn hemmhekk, sibna l-ahhar hin li kienet hajja l-vittma, u bdejna naraw il-footage. U fil-fatt, rajna lil vittma, ma' l-imputat, flimkien igorru l-ghamara. Igorru l-ghamara mid-dar tal-vittma, sal-garaxx. Tajjeb? Issa. F'dik il-pjazza, ma nafx, kien hemm jidhirli xi erba' sistemi differenti. il-crime scene indikatina cara li fil-fatt irrizulta li ma ngatlit hemmhekk. Fil-garaxx ta Hal Qormi. Minn hemmhekk morna, morna s-Swieqi. Is-Swieqi hija qabel triq Ugijja hemm il-pjazza, il-lights ta' Saint Andrews. Fejn il-Luxol, iddur lejn is-Swiegi, ezatt hemmhekk, wara Greens, wara Greens. Hemmhekk hemm pjazzetta zghira. Tajjeb? Hemmhekk toqghod, kienet toqghod il-vittma. Issa, minn dik il-pjazzetta, titla Triq Uqijja, forsi geghdin nitkellmu circa sixty, seventy metres, u ssib il-garaxx, fejn ahna qeghdin nghidu li nqatlet il-vittma. Mela. Minn hemmhekk, sibna l-ahhar hin li kienet hajja l-vittma, u bdejna naraw il-footage. U fil-fatt, rajna lil vittma, ma' l-imputat, flimkien igorru l-ghamara. Igorru l-ghamara mid-dar tal-vittma, sal-garaxx. Tajjeb? Issa. F'dik il-pjazza, ma nafx, kien hemm jidhirli xi erba' sistemi differenti. Kull ma kien hemm, gbarna. Kien hemm wahda zgur rotating tal-

... wardens. Li jgib id-dar taghha. Ohra magenbha. Again, iggib id-dar taghha. U ohra inti u tiela' fi Triq Uqjjja. Dawn is-seventy jew kemm metres li hemm bejn id-dar u l-garaxx. Dawn gbarnihom kollha. Bis-sahha ta' dawk, ikkonfermajna l-ahhar hin li l-vittma kienet hajja. U bis-sahha taghhom rajna wkoll lil vittma iggorr l-ghamara ma' l-imputat, tilghajn mid-dar, u jmorru fil-garaxx. Jergghu jinzlu bil-pass b'idejhom vojta u jergghu jitilghu b'xi bicca ghamara ohra. Jergghu jinzlu b'idejhom vojta, jergghu jitilghu, u l-vittma sparixxit. Tajjeb? Imbaghad jinzel l-allegat, l-imputat, niezel wahdu lejn ir-residenza. Issa. Minn hemm, peress li t-triq hija one way tat-traffic, gbarna wkoll imbaghad, il-kumplament ta' Triq Uqijja. Int u hiereg, igifieri jekk inti ha titla b'karozza, tajjeb? Mill-garaxx, igifieri fejn jibda, fil-bidu ta' Triq Ugijja, 'il barra. Hemmhekk gbarna wkoll il-filmati biex ikollna record ta' kull karozza li ghaddiet f'dak il-hin li l-vittma, e u by the way, dak il-hin ukoll qabel ukoll mat-time of death. Tajjeb? Igifieri, meta ghamilna l-awtopsja u ghamilna, il-patologisti tawna l-estimation, time of death tal-katavru, qabel perfettament ma' dak il-hin. U fil-fatt, eventwalment, meta kellimna lil l-imputat, qalilna proprju li nqatlet hemmhekk ukoll. Igifieri ma kellna l-ebda dubju li l-cameras gbarnihom kollha. Tajjeb? Ma kellnix ghalfejn immorru niccekjaw localities ohrajn.'

Izid li ma ngabrux kienu filmati ta' camera li kienet imwahhla izda mhux installata. Meta tkellmu mar-rikorrent l-unici terzi persuni li semmew kienu l-allegati persuni li semma li dahlu fil-garaxx u qatluha. Dwar il-posts fuq il-'facebook' jghid li hu ma kienx jaf bihom u lanqas ir-rikorrent ma gibidlu l-attenzjoni fuqhom. Jghid izda li l-persuna li ghamilhom xehed u sarlu l-kontro-ezami ghalhekk setghu sarulu domandi dwarhom in kontro-ezami. Izid izda li hu ra l-mobajl ta' dan ix-xhud u ra l-messaggi bejnhu u l-vittma u ma kien hemm xejn li juri xi

turbolenza bejniethom. Jghid li l-mobajl tal-vittma kien sparixxa. Ma waqa ‘ l-ebda suspett fuqu. Jghid li ghalihom kaz ikun solvut jekk jirrizulta li kull min kien b’xi mod jew iehor responabbli jkun tressaq.

Rat a fol. 463 et seq id-dokumentazzjoni esebita li bosta minnha kienet gia esebita u hadet konjizzjoni tal-kontenut taghha. Rat partikolarment l-ilment mal-ombudsman a fol. 514 et seq maghmul mir-rikorrent Andrew Mangion datat 16 ta’ Novembru, 2021 u rat il-kontenut tal-istess. Rat ir-rapport tal-ombudsman dwar l-istess a fol. 539 et seq tal-process li jikkonkludi kif isegwi (fol. 545-546):

‘18. L-Ombudsman huwa tal-fehma li ma jistax jiddikjara li z-zamma tieghu kienet wahda illegali. Fil-korrispondenza li ntbaghtet lill-complainant, hemm riferiment car tal-Artikolu 407A tal-Kodici Kriminali li jitkellem appuntu fuq Rikors li jista' isir lill-Qorti tal-Magistrati minn persuna li tkun mizmuma taht arrest u li tallega li ged tinzamm detenuta kontra l-ligi. Naturalment dan seta biss isir meta harget is-sentenza tat-3 ta' Novembru 2021, jigifieri f dak il-perjodu li l-complainant qieghed jallega li kien taht "illegal detention". Kien fil-gurisdizzjoni tal-Qrati li jiddeterminaw fuq detenzioni illegali u mhux l-Ombudsman.

19. Anke jekk inharsu lejn il-procedura li ntuzat mid-Direttur tal-Facilità Korrettiva, naraw li l-awtorità fil-habs kellha dritt legali li:
- titlob kampjun tal-urina ghad-drug testing;
- tikkastiga prigunier li kien ikkommetta reat kontra d-dixxiplina tal-habs wara li nstab pozittiv ghad-droga;
- tippenalizza lill-prigunier bit-tnehhija tar-remission; u
- timponi numru ta' jiem bhala granet li kienu parti mid-detenzjoni.

**Konkluzjoni:**

20. Wara konsiderazzioni bir-reqqa tal-informazzjoni migbura nhoss li ma nistax naqbel li l-ilment tieghek huwa gustifikat. Jiena tal-opinjoni li fil-kaz ieghek ma kienx hemm zbalji amministrattivi jew ta' procedura u li l-azzjoni tal-awtoritajiet fil-konfront tieghek kienet gusta. Ghaldaqstant qieghed naghlaq il-kaz.'

Rat ukoll il-kontenut tal-ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-'Police Complaint Board' a fol. 547 et seq tal-process.

Rat in-nota tar-rikorrent a fol. 575 tal-process li permezz taghha esebixxa konversazzjoni tieghu u messaggi minn fuq il-'facebook' il-grupp 'The Salott' u hadet kont tal-kontenut tal-istess.

Semghet **u rat ix-xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafa, l-Avukat General Dr. Victoria Buttigieg u Dr. Chris Soler Avukat tal-Istat lkoll datati 16 ta' Novemberu, 2023** li tista' tghid lkoll xehedu fuq l-istess linja fis-sens li huma ma ghandhom l-ebda agenda kontra r-rikorrent u li huwa rizultat tad-decizjoni tal-Qorti li l-istqarrija mhiex fil-process u mhux rizultat ta' xi agir taghhom.

**Dr. Soler** isostni li huwa ma ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz tar-rikorrent stante li huwa kaz kriminali. Xoghlu huwa li jirrispetta d-decizjoni tal-Qorti. Izid li xoghol l-Avukat tal-Istat mhuweix li jissorvelja x'jigri fil-kamp tal-proceduri kriminali. Xoghol l-Avukat tal-Istat huwa li jkun konsulent legali ewlieni tal-Gvern u fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu jagixxi fl-interess pubbliku u jissalvagwadja il-legalita' tal-azzjonijiet tal-istat. Jixhed ukoll li l-Avukat tal-Istat ma jkollux kuntatt mal-Media.

**Dr. Buttigieg** tinsisti li xogholha huwa li timxi mad-decizjoni tal-Qorti:

'X'nahseb jiena huwa rrelevanti. Illum ghandi sentenza li torbotni mill-Qorti tal-Appell Superjuri li qed tghid dik l-istqarrija hija estromessa mill-process.'

Tinsisti li l-garanzija li kollox miexi sew fil-proceduri Kriminali hija l-Qorti nnifisha. Il-ligi tipprovdi li dawn il-garanziji jigu mill-Qorti stess.

**Il-Kummissarju tal-Pulziija Angelo Gafa** jixhed li hu personalment ma kellux x'jaqsam mal-kaz tar-rikorrent anki ghaliex dak iz-zmien ma kienx Kummissarju. Izid li l-kaz issa jinsab f'idejn l-Avukat Generali allura l-irwol tal-pulizija fih issa tista' tghid li spicca. Jghid li kien fl-interess tal-Korp li appuntu jesebixxi l-istqarrija fl-atti izda llum hemm decizjoni w'allura d-dokument huwa sfilzat. Il-Korp jonora d-decizjoni tal-Qorti. Dwar l-allegazzjoni li l-pulizija ma ressqitx xi provi minn cameras jghid li jekk l-akkuzat haseb li hemm xi haga nieqsa seta' hu stess talab li titressaq din il-prova.

Semghet u rat **ix-xhieda ta' Simon Dalton datata 11 ta' Jannar 2024.** Jghid li jghix mar-rikorrent u li huwa ghamel il-mixja tal-akkuzi fil-konfront tar-rikorrent mieghu u jghid li dak kollu li sehh affettwah hafna hazin psikologikament. Jghid li llum ir-rikorrent lanqas jiflah imur ghax-xoghol u ghadu jiehu kura psikologika. Jghid li affettwatu ghaliex jaf li l-istituzzjonijiet mhux qed jimxu kif jahseb li suppost jimxu. Kien mieghu meta kitbu flimkien l-ittra lill-President. Jghid li mar mieghu ghand l-Avukat meta r-rikorrent insista li ma riedx li titnehha l-istqarrija – jghid li

qalulu sabiex dik  ma jnehhihiex minn hemm ghax m'hemm xejn li juri li Andrew Mangion qatel il-mara tieghu.  Izid li l-avukat izda ma rrangax l-affarijiet.  Jghid li l-istqarrija huma jriduha fil-process. Baghtu ittra lill-Prim Imhallef u lill-Presdent u johrog mix-xhieda li ma jafx li ma jistax jikkuntattja lill-Prim Imhallef.  Mistoqsi fuq l-effett li kellha l-media jghid li hu u r-rikorrent raw diversi rapurtaggi u jaghmel referenza ghall-messaggi fuq il-facebook u l-artikli li gia ghamel referenza ghalihom ir-rikorrent precedentement.  Jaghmel referenza partikolarment ghall-artiklu fit-'Times of Malta' fejn bint ir-rikorrent tindika li hija bint ta' vittma ta' vjolenza domestika u ta' qattiel.  Izid li r-rikorrent imkisser ghax lit-tifla ma rahiex dawn l-ahhar disa' snin.

Semghet u rat **ix-xhieda ta' Quentin Scerri datata 11 ta' Jannar, 2024, executive producer tal-programm Popolin**.  Jixhed dwar kif jintghazlu t-temi tal-programmi li ser jigu diskussi u jghid li jharsu l-akar lejn suggetti temativi u ta' rilevanza u wara li jintaghzel is-suggett dan jitressaq queeim it-tim editorjali tal-istazzjoni sabiex jigi approvat u eventwalment jixi prodott u jixxandar.  Dwar il-mistiedna fuq il-programm jghid li huma ma jaghmlu mazzra madwar ghonq hadd u kulhadd hu resposabbli ta' dak li jkun qed jghid.  Mistoqsi dwar kronaka u proceduri kriminali  jghid li hu zgur li suggetti li huma sub judice ma jigux diskussi fil-programm. Jekk jiddiskutu l-omicidji ma jidhlux fil-kaz innfisu:

'Pero qatt ma niddiskutu s-suggett jekk f'kaz ta'omicidju min kien l-akkuzat min huwa l-akkuzat, x'qed tfittex il-pulizija – dawn it-tip ta' dettalji qatt ma jigu diskussi.'

Izid li mhux l-irwol taghhom li jaghmlu gudizzju fuq persuna jew ohra dak tiddecidih il-Qorti.  Jemfasizza li minn gimgha ghall-ohra l-procedura li juzaw minn suggett ghall-iehor hija dejjem l-

istess wahda u ma kienx hemm procedura diversa fil-kaz tal-programm li ddiskuta l-vjolenza domestika fejn il-femicidju kien parti mill-programm mhux is-suggett tal-programm. Mistoqsi mill-Qorti meta tellghu ir-riklam tal-programm bir-ritratti tal-vittmi jekk iddistingwewx bejn il-vittmi ta' vjolenza domestika jew le jixhed:

'Quentin Scerri: Le. Il-lista kienet shiha u fil-kuntest tar-riklam, ma kienx qed jitkellem fuq kazijiet partikulari. Li kien qed jitkellem dwar femicidji .... emmm .... kien qed jaghmel referenza …… id-data ngiebet minn Parliamentary Question – kienet saret ….. emmm…… taghmel referenza ma niftakarx bin-numru bl-amment ……

…… fejn il-Parliamentary Question kienet tistaqsi …. emm …..
il-persuni li mietu jidhirli fdawn l-ahhar ghaxar snin. U l-lista tar-ritratti li kien hemm minn dawk li kienu disponibbli kienet ......emmm... f'dan ir-riklam partikulari li int semmejt.

Imhallef: U r-ritratt kien tal-persuni li mietu mhux ta' min huwa akkuzat?

Imhallef: U r-ritratt kien tal-persuni li mietu mhux ta' min huwa akkuzat?

Quentin Scerri: Ir-ritratt kien tal-persuni li mietu .....emmm .... mhux tal-akkuzat. Le .... ma kien hemm ebda referenza ta akkuzat u fil-programm innifsu ma kien hemm l-ebda diskussjoni fuq l-ebda kaz li kien qed jigi diskuss. Anzi fil-programm partikulari din il-parti partikulari kienet titkellem dwar il-vjolenza domestika ghax jidhirli li dak in-nhar jew xi gurnata qabel harget .... harget .... emmm ... jidhirli xi policy gdida min-naha tal-gvern jew inkella ...

emmm ... insejt x'kien il-kaz innifsu pero jidhirli li l-gvern kien ghadu kemm jippublika la naf xi strategija ghall-hames snin jew ghaxar snin li gejjin .... U jigifieri kien hemm either on the day, the day before or somehow close to the …..’

Mistoqsi mill-avukat tar-rikorrent ghalfejn gie inkluz ritratt ta’ Eleanor Magnion Walker meta ma kien hemm qatt rapport ta’ vjolenza domestika jwiegeb:

‘Ghax il-promozzjoni kien qed jghid - il-vuci fil-promozzjoni kienet tghid femicidju. Dik hija r-raguni. L-ewwel nett wiehed irid jaghmel distinzjoni bejn il-mod ta kif tkun qed tinbena l-promozzjoni ghall-eventwalita tal-programm innifsu u programm ta' diskussjoni qatt ma ghandek linja dritta lil fejn sejjer. Jigifieri int ikollok parametri li tassumi 'l fejn sejjer imbaghad timxi skond il-mistednin li jkollok. Jigifieri jekk - u nerga' lura ghall-mistoqsija li kellek qabel - jien ma nkunx naf min ha jigi jitkellem fuq ezatt kelma b'kelma dak li jkun ha jghid ghax inkella ma nistax inzomm il-bilanc jew is-serjeta inkella tigi mhux programm ta diskussjoni, tigi drama li ahna ma naghmlux dan it-tip ta' kontenut fil-kaz tieghi. Allura l-promozzjoni nnifsu kien qed jaghmel referenza ghall-femicidju. Il-femicidju ... emmm ... jissemma' car f’dak il-promozzjoni partikulari. Eventwalment wasal il-programm fejn fil-programm lanqas biss kien hemm l-ebda referenza ghal dak li qed nitkellmu dwaru issa.’

Izid li huma jimxu mal-principji tal-etika, indhil minn awtoritajiet jghid li alla hares ikun hemm.  Trid izda timxi mal-linji gwida li johrog il-Bord editorjali tal-PBS.  Minn naha l-ohra xoghol l-Awtorita’ tax-Xandir huwa li tara li l-programm ikun wiehed bilancjat u li ma jiksirx il-ligi.

Semghet u rat **ix-xhieda tal-ex Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar a fol. 598 et seq tal-process.** Huwa jixhed li fiz-zmien li sehh il-kaz in diskussjoni f'din il-kawza huwa kient 'Acting Commissioner'. Jghid li huwa mhux responsabbli mill-investigazzjonijiet dawk jaghmluhom 'first hand' l-investigaturi ghalkemm gieli jsiru 'crime meetings' sabiex jigi diskuss certu investigazzjonijiet fejn waslu li normalment isiru meta investigazzjoni tkun qed titwal. Jghid li huwa ma jiftakarx kienx hemm 'crime meeting' fuq il-kaz ta' Andrew Mangion u kien nesa kompletament min hu sakemm gie mharrek. Ma jfitakarx kellux involviment f'dan il-kaz partikolari. Jghid li l-iskwadra li nvestigat il-kaz in kwistjoni huwa kellu fiducja assoluta fihom u kienu jafu xogholhom sew. Izid li aktar u aktar dawn l-investigazzjonijiet isiru f'ambitu ta' nkjesta magisterjali. Jghid li ufficcjal investigattiv ma jkunx wahdu jkunu tim ghalhekk xi hadd ghandu jinduna jekk ikun hemm xi camera li ma ngabritx, dan ghaliex jahdmu bhala tim. Meta jkun hemm xi 'complaint' minn xi individwu dan imur ghand l-'internal affairs'. Ma jafx jekk sarx xi lment minn Andrew Mangion, jahseb li ma saritx ghaliex kieku jiftakar. Il-Korp ghandu struttura ta' Press Officer sabiex jaghti 'brief' lill-media. Il-Korp fi zmienu qatt ma ha xi mizuri biex irazzan rappurtagg tal-Media.

Semghet u rat **ix-xhieda in kontro-ezami tar-rikorrent Andrew Mangion datata 23 ta' Jannar, 2024.** Jaqbel li mill-hin wara li ta' stqarrija u tressaq il-Qorti huwa kien assistit mill-Avukat Joe Giglio. Huwa kien imqabbad bhala avukat privat. Mistoqsi jekk waqt il-gbir tal-provi fil-kumpilazzjoni qattx talbu xi forma ta' prova li huma kienu qed jghidu li hi nieqsa jwiegeb li fil-kumpilazzjoni huwa nnota hafna affarijiet u qalhom lill-avukat u skont hu l-avukat qatt ma ndirizzahom. Jghid li ried iwaqqa l-eccezzjonijiet u ma riedx inehhi l-istqarrija allura skont hu xi haga

hazina kien hemm. Dwar il-kwistjoni tal-Media mistoqsi jekk qattx ghamel xi kaz ta' libell jghid li kellem lil Dr. Giglio izda ma ghamillu xejn. Jesebixxi mistoqsija u twegiba parlamentari li nghatat fis-seduta tal-31 ta' Jannar, 2023 (Dok AMA 1 X) fejn jidher isem Eleonor Mangion Walker u fil-lista tidher li ma kinitx tiehu servizz mill-Agenzija Appogg habba kazijiet ta' vjolenza domestika. Jesebixxi wkoll decizjoni dwar ilment imressaq minnu dwar il-programm Popolin tad-29 ta' Novembru 2023 mmarkat bhala AMA 2 X. F'din id-decizjoni gie konkluz:

'Il-Bord innota li l-kuncett ta' vjolenza domestika huwa wiesa' hafna u li l-femicidju huwa forma ta' vjolenza assoluta. Innutat ukoll li l-istazzjon ghamel il-kambjamenti rikjesti fl-immedjat wara li rcieva l-ilment. Ghal dawn ir-ragunijiet il-bord ma laqax l-ilment.'

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Eccezzjoni tal-Legittimu kontradittur:-**

Fl-ewwel eccezzjoni taghhom l-intimati sostnew li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali ma humiex legittimi kontradditturi fil-proceduri odjerni. Permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ritraw din l-eccezzjoni limitatament ghall-Kummissarju tal-Pulizija in vista tat-talbiet kif korretti u mizjuda filwaqt li zammew ferm l-eccezzjoni fir-rigward tal-Avukat Generali stante li jsostnu li ebda lment mressaq mir-rikorrent inkluz (i) l-isfilz tal-istqarrija sabiex din tigi reinserita, (ii) l-allegazzjoni dwar it-tmexxija tal-investigazzjoi u (iii0 l-allegazzjoni li l-Istat Malti ghandu xi obbligi partikolari sabiex irazzan 'pre-trial publicity', ma ghandhomx xejn x'jaqsmu mal-Avukat Generali.

Illi din il-Qorti wara li rat l-atti kollha ma taqbilx ma' din l-eccezzjoni tal-intimati. Jirrizulta mill-atti li r-rikorrent qed jattakka l-gbir jew in-nuqqas ta' provi mhux biss fl-istadju tal-investigazzjoni izda wkoll fl-istadju tal-kumpilazzjoni u quddiem il-Qorti Kriminali, liema proceduri prezentement qed jitmexxew mill-Avukat Generali. Ghalhekk *dato ma non concesso* li din il-Qorti jkollha tordna rimedju f'dan ir-rigward ikun l-Avukat Generali li jrid jesegwixxi tali rimedju. In oltre, l-istess jista' jinghad dwar l-istqarrija f'kaz li din il-Qorti, ghal darb'ohra *dato ma non concesso*, jkollha taghti xi ordni f'dan ir-rigward sabiex tigi reinserita, certament l-Avukat Generali li huwa gia involut f'dawk il-proceduri jkun irid jesegwixxi tali ordni. Huwa ghalhekk car li l-Avukat Generali ghandha *locus standi* f'dawn il-proceduri w'ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-intimati.

**Intempestivita tal-proceduri:-**

Illi sabiex din il-Qorti tkun tista' tanalizza din l-eccezzjoni tal-intimati jehtieg li l-lanjanzi tar-rikorrenti jigu analizzati b'mod separat:

(i)Fl-ewwel lok ir-rikorrent qed jilmenta minn digriet li permezz tieghu il-Qorti Kriminali cahdet it-talba tieghu sabiex l-istqarrija moghtija minnu lill-Pulizija, li kienet giet dikjarata li ttiehdet bi ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kemm mill-Qorti Kriminali kif ukoll mill-Appell fuq talba tieghu stess, terga tidhol fl-atti bhala prova ghaliex isostni li fiha ma hemm xejn li jinkrimina lilu ghall-omicidju.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti rat li fl-atti r-rikorrent jallega li hu qatt ma ried li l-istqarrija tieghu tigi sfilzata u nforma b'dan lill-Avukat

tieghu. Skont hu l-Avukat tieghu xorta wahda baqa' ghaddej bit-talba sabiex dan jigi sfilzat stante li ttiehed bi ksur tad-dritttijiet fundamentali tar-rikorrent. Din it-talba giet milqugha u konfermata fl-appell. Jghid li meta huwa qal lill-Avukat li hu ma riedx li jigi sfilzat l-Avukat qallu li xejn ma kienx izommu li jerga jiprezentah fl-atti. Fil-frattemp ir-rikorrent bidel l-Avukat u prezenta talba lill-Qorti Kriminali sabiex tordna li l-istqarrija terga' tidhol fl-atti, ghall-liema talba l-Avukat Generali ma oggezzjonax, izda din giet michuda mill-Qorti Kriminali ghar-raguni li d-decizjoni tal-Qorti tal-Appell dwar l-isfilz tal-istess stqarrija kienet *res judicata*. F'dan il-kuntest ir-rikorrent isostni li n-nuqqas tal-istqarrija tieghu mill-atti kriminali jista' jkun ta' pregudizzju ghalih bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Illi din il-Qorti fil-kuntest ta' din l-istqarrija u l-pretensjoni tar-rikorrent li n-nuqqas taghha fl-atti jista jkun ta' pregudizzju ghalih u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu tqis li la darba hu gia not li l-istqarrija giet sfilzata u li l-Qorti cahdet li din tigi reinserita allura t-talba tar-rikorrent quddiem din il-Qorti fir-rigward ma tistax titiqies bhala intempestiva. Anzi l-Qorti tqis li r-risoluzzjoni ta' dan in-nuqqas ta' qbil f'dan l-istadju hija neccessarja ghat-tkomplija tal-proceduri kriminali ghaliex jew l-istqarrija ser tidhol jew le. Dan kollu ma jfissirx li din il-Qorti qed taghti ragun lir-rikorrent dwar dan l-ilment f'dan l-istadju izda semplicement li qed tqis li t-talba mihiex wahda intempestiva.

(ii) Fit-tieni lok ir-rikorrent isostni li n-nuqqas tal-Istat li jrazzan il-'pre-trial' publicity relatat mal-kaz tieghu ser jinfluwenza l-gurija meta l-kaz jasal ghall-guri b'dana li skont hu mhux ser ikollu smiegh xieraq. Fis-sottomissjonijiet tieghu r-rikorrent isostni li n-nuqqas tal-Istat kif allegat qieghed ihalli effett irrimedjabbli fuq il-proceduri fil-konfront tar-rikorrent.

Illi f'dan ir-rigward l-intimati jsostnu li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji u ma ressaq l-ebda lment mal-mezzi tal-media izda qed jipretendi li din il-Qorti tiehu azzjoni ghaliex skont hu l-iStat naqas milli jiehu azzjoni sabiex irazzan il-Media dwar il-kaz tieghu.

Illi din il-Qorti fehmet li r-rikorrent f'dan l-ilment qed isostni li in vista ta' dak li inghad tul is-snin f'certu cirkustanzi dwaru u dwar il-kaz fil-Media nkluz gazzetti, televizjoni u mezzi socjali, il-gurati li ser ikunu mghajjta sabiex jiddeciedu l-kaz tieghu bilfors ser ikunu influwenzati kontra tieghu. Illi izda huwa car ghal din il-Qorti li dak li r-rikorrent irid lil din il-Qorti tiddeciedi taht dan l-ilment huwa xi haga ipotetika li tista' ssehh jew ma ssehhx fil-futur. F'dan l-istadju tal-proceduri fejn il-kaz ghadu lanqas wasal fl-istadju tal-guri, din il-Qorti ma tista' taghmel l-ebda spekulazzjoni dwar min ser ikunu l-gurija fil-guri in kwistjoni, x'influwenza jista' jkollhom jew le dwar il-kaz u allegazzjonijiet ohra mir-rikorrent fil-konfront tal-istess. Li hu cert huwa li l-ligi tipprovdi mezzi sabiex issir ghazla ta' gurati gusta f'liema process ikunu wkoll involuti l-avukati tal-partijiet u tipprovdi wkoll sabiex l-imhallef li jippresjedi l-guri jidderigi l-gurija dwar x'ghandu jittiehed in konsiderazzjoni skont il-ligi sabiex jaslu ghad-decizjoni taghhom nkluz li m'ghandhomx ihallu l-Media tinfluwenza l-gudizzju taghhom u li ghandhom jiehdu kont tal-presunzjoni tal-innocenza u tal-provi fl-atti u xejn aktar . Kif gia sostnut minn din il-Qorti ghalhekk huwa car li r-rikorrent f'dan l-istadju qed jitlob li din il-qorti taghmel ipotezi dwar kif ser jimxi l-guri fil-konfront tieghu u tiehu decizjoni dwar materja ta' drittijiet fundamentali dwar l-istess. Dan juri kemm verament din it-talba tar-rikorrent hija wahda intempestiva  ghall-ahhar u kien ikun aktar f'lokha wara li jkun gie celebrat il-guri u l-Qorti jkollha t-

totalita tal-atti quddiemha.  Il-Qorti għalhekk f'dan ir-rigward ser tgħaddi sabiex tilqa' l-eċċezzjoni tal-intimati dwar l-intempestivita għal dik li hi t-tieni talba tar-rikorrent.

(iii) Illi permezz tat-tielet talba tiegħu l-intimat jallega nuqqasijiet fl-investigazzjonijiet u fil-proċeduri kirminali fejn isostni li huwa talab li jittellgħu ċertu provi u li jiġu nvestigati persuni oħra li setgħu wettqu l-qtil u dan ma sarx.

L-intimati f'dan ir-rigward isostnu li mhux xogħol il-Qorti b'kompetenza Kostituzzjonali jew Konvenzjonali li tistħarreġ il-mertu u l-mod kif xi qorti oħra għandha tiżen l-evidenza li ngiebet quddiemha u dan taħt l-iskuża li b'hekk qed jitħares il-jedd ta' smiegħ xieraq.

Illi din il-Qorti rat li fl-atti r-rikorrent xehed diversi drabi u ppreżenta bosta dokumentazzjoni li permezz tagħha huwa esprima n-nuqqas ta' qbil tiegħu ma ċertu xhieda u dwar kif tressqet ċertu xhieda.  Huwa ċar li r-rikorrent irid li din il-Qorti tidħol hi f'analiżi tal-provi mressqa fil-proċeduri kriminali u tagħti hi deċiżjoni dwar  jekk il-provi mressqa fil-konfront tiegħu humiex adegwati jew le, saħansitra li ma kellhomx iwasslu għal digriet prima facie u li l-eċċezzjonijiet tiegħu fil-proċeduri kriminali kellhom jiġu milqugħa u dan fi stadju fejn il-proċeduri kriminali għadhom pendenti, fejn il-ġuri għadu lanqas beda jiġi ċelebrat u fi stadju fejn l-istess rikorrent akkużat għad għandu kull opportunita u dritt fil-liġi li jitlob li jittellgħu provi li skontu jgħinuh sabiex isostnu l-innoċenza tiegħu.

Għalhekk in vista li t-tielet t-talba tar-rikorrent qed issir meta l-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu għadhom mhux konklużi kif fuq spjegat, din il-Qorti tqis li l-intimati għandhom raġun

isostnu anki f'dan il-kaz li l-ilment tar-rikorrent f'dan l-istadju huwa intempestiv ghaliex il-ksur tal-jedd tal-smiegh xieraq ghandu jigi analizzat fl-ambitu tat-totalita' tal-proceduri kollha u mhux parti b'dana li anki fir-rigward ta' din it-tielet talba l-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' l-eccezzjoni tal-intempestiva'.

**L-ewwel talba relatata mal-isfilz u t-talba ghar-reinseriment tal-istqarrija tar-rikorrent fl-atti kriminali:**

Illi stante li din il-Qorti gia cahdet it-tieni u t-tielet talba abbazi tal-eccezzjoni tal-intempestivita jonqos li din il-Qorti taghmel ezami fil-mertu tal-ilment kif johrog mill-ewwel talba tar-rikorrent.

Illi l-ewwel talba tar-rikorrent taqra kif isegwi:

'Tiddikjara li d-digriet tal-Qorti Kriminali tal-11 ta' Novembru jilledi dritt fundamental tal-akkuzat sancit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea.'

Illi bhala fatti jirrizulta li f'Lulju, 2016 ir-rikorrent gie arresta fuq suspett kien involut fil-qtil ta' Eleanor Mangion Walker, mart ir-rikorrent, li dak iz-zmien kienu fi proceduri ta' separazzjoni personali bejniethom. Jirrizulta li waqt li kien arrestat ir-rikorrent irrilaxxa stqarrija mal-Pulizija. Dak iz-zmien skont il-ligi vigenti ir-rikorrent seta' jikkonsulta' ma' avukat qabel it-tehid tal-istqarrija izda ma setghax ikun assistit minn avukat waqt it-tehid tal-istqarrija. Konsegwentement ir-rikorrent gie mressaq mixli bil-qtil ta' Eleanor Mangion Walker. Wara li fis-sena 2021 inharget l-att ta' akkuza fil-konfront tar-rikorrent, ir-rikorrent ressaq diversi eccezzjonijiet fosthom eccezzjoni li permezz taghha sostna li l-istqarrija kienet inammissibbli ghaliex fil-kors tal-interrogatorju

huwa ma kellux assistenza legali. Permezz ta' sentenza datata d-29 ta' Lulju, 2021 il-Qorti Kriminali laqghet din l-eccezzjoni tar-rikorrent u ddikjarat li l-istqarrija rilaxxata mir-rikorrent kienet inammissibbli bhala prova u ordnat l-isfilz taghha. L-Avukat Generali appella mid-decizjoni izda l-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat is-sentenza appellata b'sentenza tal-4 ta' Mejju, 2022.

Illi jirrizulta li konsegwentement nhar it-13 ta' Settembru, 2022 ir-rikorrent talab li l-istqarrija tieghu terga' tigi reinserita fil-process. L-Avukat Generali wiegbet li kienet qed tirrimetti ruhha ghad-deicjoni tal-Qorti Kriminali. Il-Qorti Kriminali permezz ta' digriet datat il-11 ta' Novembru, 2022 ddekretat kif isegwi:

'Il-Qorti,
Rat ir-rikors;
Stante li l-mertu tar-rikors gja hu ezawrit permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Sede Superjuri;
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tieghu stante li dan l-att illum ma jistax jigi sfilzat u lanqas ma jista jkun hemm renunzja ghall-eccezzjoni stante li gja giet trattata u deciza.'

Konsegwentement ir-rikorrent prezenta l-kaz odjern fejn jallega li d-digriet tal-Qorti Kriminali iwassal ghal ksur tal-dritt tieghu ghal smiegh xieraq.

Dwar din it-talba r-rikorrent fis-sottomissonijiet tieghu jsostni kif isegwi:

'3.5.1. Dwar l-ewwel raguni, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi mill-provi migjuba in atti jirrizulta sal-grad ta' bilanc ta' probabilitajiet u iktar, li dan l-aggravju huwa ben fondat.

3.5.2. Dan ghaliex filwaqt li r-rikorrenti irid din l-istqarrija tidhol lura fl-atti processwali, l-intimati opponew ghal dan izda ma taw ebda raguni ghalex tali stqarrija ghandha tithalla barra ghajr li dik il-kwistjoni hija res judicata. La gabu argumenti u wisq anqas provi dwar xi raguni impellenti ghaliex dik l-istqarrija ghandha tithalla barra hlief li din il-kwistjoni hija deciza b'sentenza tal-Qorti Kriminali kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

3.5.3. Issa huwa minnu li l-ligi procedurali hija materja ta' ordni pubbliku li minnha ma hemmx deroga langas bi qbil bejn il-partijiet. Izda meta akkuzat irid iressaq prova partikolari biex jiddefendi ruhu minn akkuza kriminali, u n-naha l-ohra qieghda topponi, il-kwistjoni ma' tibqax sempliciment wahda ta' ordni pubbliku izda tigi elevata ghal wahda ta' rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. U n-natura fundamentali ta' dawn id-drittijiet u l-fatt li dawn jemanu kemm mill-Kostituzzioni ta' Malta u kif ukoll mid-dritt pubbliku internazzionali kif intgal gabel, ifisser illi fi kwalunkwe cirkostanza ta' kunflitt bejn ordni pubbliku u dritt fundamentali tal-bniedem, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghandhom jipprevalu.

3.5.4. U gialadarba ir-rikorrenti esprima l-fehma tieghu li ghalih, id-dhul mill-gdid tal-istqarrija fl-atti processwali hija kwistjoni ta' smiegh xieraq mehtiega sabiex jiddefendi ruhu mill-akkuzi, allura dan m'ghandux jigi imcahhad milli jaghmel dan.

3.5.5. Iktar u iktar meta donnu hemm preferenza, jekk mhux addirittura, qbil, bejn il-prosekuzzjoni u l-akkuzat li din -istqarrija ghandha tkun fl-atti processwali.

3.5.6. L-istqarrija in disamina hija meqjusa mill-esponenti (bhala persuna akkuzata b'diversi reati kriminali) bhala prova importanti

fid-difiza tieghu. Ghaldaqstant ic-cahda da parte tal-intimati li jipprezentaw din il-prova timpingi direttament fuq l-essenza tad-dritt tieghu ta' difiza. U l-argumenti mressqa mill-intimati biex dan ma jsirx, minhabba li l-kwistioni hija res judicata u minhabba li hawn si tratta minn "ligi procedurali" ma jreggux. Filwaqt li hu accettat li l-ligi procedurali hija kwistjoni ta' ordni pubbliku u ghaldaqstant ma hemmx deroga minnha, lanqas bi qbil bejn il-partijiet, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi meta din il-ligi procedurali tigi applikata b'mod li jikkontradixxi dritt fundamentali tal-bniedem, ghandha tipprevali din tat-tieni u mhux tal-ewwel. Dan ukoll ghaliex id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, b'differenza mill-ligijiet procedurali, jemanu kemm mid-dritt pubbliku internazzjonali u kif ukoll mill-Kostituzzjoni ta' Malta. U bir-ragun. B'liema mod id-dritt ta' smiegh xieraq jista jitqies bhala fundamentali, jekk mhux ghax jipprevali kull meta qieghed jigi limitat?'

L-intimati da parti taghhom, fl-ewwel lok jaghmluha cara li huma ma ghandhom l-ebda nteress li din l-istqarrija ma tkunx fl-atti izda jsostnu li ma ghandhom'x ghazla hlief li jbaxxu rashom ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ormai hija gudikat. Izidu li l-versjoni tar-rikorrent hi li hu dejjem insista mal-Avukat tieghu li l-istqarrija kellha tibqa fl-atti filwaqt li l-Avukat tieghu ghamel mod iehor. Fl-atti odjerni l-versjoni tal-avukat ma tressqitx bhala prova. L-intimati jsostnu li r-rikorrent ma jistax jippretendi li hu ezentat milli jsegwi l-procedura jew li jobdi dak li hu *res judicata* semplicement ghaliex irid ibiddel l-istrategija legali tieghu ghaliex 'il-jedd fundamentali ghal smigh xieraq ma jissarrafx f'jedd li wiehed jaghmel li jrid biex iressaq il-kaz tieghu.'

L-intimati jsostnu ulterjorment li bl-ebda mod ma gie ppruvat kif l-isfliz tal-istaqrrija kkawzat xi pregudizzju rreparabbli ghar-

rikorrent u jzidu li jekk ir-rikorrent hu daqshekk determinat li l-verzjoni tieghu dwar dak li sehh ghandha tingieb quddiem il-guri huwa ser ikollu kull opportunita' li jitla' fuq il-pedana tax-xhieda u jixhed dwar dan, apparti li jtella l-provi kollha sabiex jikkorroboraw il-versjoni tieghu.

Illi din il-Qorti tifhem li l-Qorti Kriminali proceduralment u legament ma kellha l-ebda triq ohra ghajr li tichad it-talba tar-rikorrent sabiex l-istqarrija tar-rikorrent terga tidhol tifforma parti bhala prova tal-prosekuzzjoni. La darba din l-istqarrija giet ddikjarata li ttiehdet bi ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti allura li kieku din terga tidhol bhala prova tal-prosekuzzjoni jinholoq cirku vizzjuz fejn din xorta wahda tibqa bi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent b'dana li l-proceduri kontra tieghu ma jkunux jistghu legalment jiprosegwu jew b'xi mod dejjem ikunu kkunsidrati bhal vizzjati.

Illi min naha l-ohra, din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimati li xejn ma jzomm lir-rikorrent akkuzat li fl-istadju tal-provi tieghu fil-guri, jixhed u jaghti l-versjoni tieghu lill-guri dwar kif sehhew il-fatti tal-kaz. Din il-Qorti tqis ukoll li f'dak l-istadju tal-provi tieghu xejn ma jzomm lir-rikorrent li jesebixxi hu stess u jghaddi lill-gurija kopja tal-istqarrija *buona volonta* tieghu. Dan ghaliex f'dak l-istadju ma jkunx hemm il-problema li l-prova (vizzjata bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent) tressqet mill-prosekuzzjoni kontra l-akkuzat izda jkun l-akkuzat stess li ghazel li jressaqha hu bhala prova tieghu fejn evidentement f'dak l-istadju ma jistax hu stess jikser id-drittijiet fundamentali tieghu. Ghalhekk huwa car lil din il-Qorti li r-rikorrent, stante li ghad ghandu l-jedd fil-ligi kemm li jaghti l-versjoni tieghu kif sehhew l-avvenimenti tal-kaz in disamina u li jressaq il-provi kollha li jqis utli ghalih sabiex jipprova l-innocenza tieghu, nkluz li hu stess

iressaq l-istqarrija ghall-ezami tal-gurati, tqis li bid-digriet taghha l-Qorti Kriminali ma wasslitx ghall-ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq. In vista ta' dan din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll l-ewwel talba tar-rikorrent.

In vista li r-raba' talba hija konsegwenzjali ghall-ewwel tlett talbiet u stante li din il-Qorti, ghar-ragunijiet suesposti, ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel tlett talbiet, konsegwentement la darba ma hemm l-ebda rimedju li din il-Qorti trid taghti lir-rikorrent, ser tghaddi sabiex tichad ukoll ir-raba' talba.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-ilment kostituzzjonali odjern kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati dwar il-legittimu kontradittur;
2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimati dwar l-intempestivita fir-rigward tat-tieni u t-tielet talba tar-rikorrent b'dana li tiddikjara it-tieni u t-tielet talba bhala intempestivi u tghaddi sabiex tichadhom filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni fir-rigward tal-ewwel u *per conseguenza* ir-raba' talba tar-rikorrent;
3. Tilqa' l-bqija tar-risposta tal-intimati sakemm din hija kompatibbli ma' dak hawn deciz fil-konfront tal-ewwel talba tar-rikorrent, konsegwentement tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrent stante li tqis li ma gietx ppruvata lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent akkuzat kif sanciti permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea rizultat tad-digriet tal-Qorti Kriminali tal-11 ta' Novembru, 2022;

4. Konsegwentement stante li ma hemm l-ebda rimedju li jrid jinghata tghaddi sabiex tichad ukoll ir-raba' talba tar-rikorrent.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrent hlief ghall-eccezzjoni dwar il-legittimu kontradittur li ghandha tibqa bla taxxa bejn il-partijiet in vista li l-korrezzjonijiet fir-rigward fir-rikors promotorju saru wara li gie appuntu ntavolat ir-rikors.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' April, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April, 2024**